SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

9 ta' Lulju 2025 * [i]

"Kompetizzjoni – Akkordji – Proċedura amministrattiva – Deċiżjoni li tordna spezzjoni – Artikolu 20(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 – Suġġett u għan tal-ispezzjoni – Obbligu ta' motivazzjoni – Indizji suffiċjentement serji – Protezzjoni tal-ħajja privata – Stħarriġ ġudizzjarju"

Fil-Kawża T-188/24,

Compagnie générale des établissements Michelin, stabbilita f'Clermont-Ferrand (Franza), irrappreżentata minn E. Sarrazin, J. Brousseau u J.-P. Gunther, avukati,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn T. Baumé, N. Cambien u M. Domecq, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla),

komposta minn A. Marcoulli, Presidenta, V. Tomljenović u L. Spangsberg Grønfeldt (Relatriċi), Imħallfin,

Reġistratur: L. Ramette, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura, b'mod partikolari:

– ir-rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' April 2024,

– l-ewwel miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura tas-16 ta' Diċembru 2024 u r-risposti tar-rikorrenti u tal-Kummissjoni, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, rispettivament, fis-16 u fl-20 ta' Jannar 2025,

– it-tieni miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura tal-4 ta' Frar 2025 u r-risposti tar-rikorrenti u tal-Kummissjoni, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali, rispettivament, fil-21 u fid-19 ta' Frar 2025,

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

wara s-seduta tal-5 ta' Marzu 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha bbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-rikorrenti, Compagnie générale des établissements Michelin, titlob l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 243 final tal-10 ta' Jannar 2024, li tordnalha, kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha, li jissottomettu ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40863 – Hoops) (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni kkontestata").

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Ir-rikorrenti hija attiva, b'mod partikolari, fil-manifattura kif ukoll fil-bejgħ ta' tajers għall-karozzi u għat-trakkijiet fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u fid-dinja kollha.

3 Fl-10 ta' Jannar 2024, fil-kuntest ta' investigazzjoni miftuħa *ex officio*, il-Kummissjoni Ewropea adottat id-Deċiżjoni kkontestata li ordnat lir-rikorrenti tissottometti ruħha għal spezzjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101 TFUE u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

4 L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni kkontestata huwa fformulat kif ġej:

"[Ir-rikorrenti hija obbligata] tissottometti ruħha għal spezzjoni li tikkonċerna l-parteċipazzjoni possibbli [tagħha] fi ftehimiet jew prattiki li jmorru kontra l-Artikolu 101 [TFUE] u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. Il-ftehimiet u/jew il-prattiki miftiehma ssuspettati [kienu] jirrigwardaw il-koordinazzjoni bejn il-manifatturi prinċipali ta' tajers tal-prezzijiet (b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa) għat-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-vetturi u għat-trakkijiet fiż-ŻEE. Il-ftehimiet u/jew il-prattiki miftiehma ssuspettati [jinkludu] l-użu intenzjonat tal-komunikazzjonijiet pubbliċi tal-impriżi sabiex jinformaw lil xulxin dwar l-intenzjonijiet futuri u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom sabiex jinfluwenzaw il-politiki rispettivi tagħhom tal-prezzijiet. Din l-ispezzjoni tista' sseħħ fi kwalunkwe bini tar-[rikorrenti], u b'mod partikolari fil-bini li jinsab fi Franza." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

5 Fl-Artikolu 2(2) tad-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tfakkar is-setgħa ta' sekwestru dokumentarju mogħti lill-ispetturi tagħha matul l-iżvolġiment tal-ispezzjoni. L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni kkontestata jippreċiża li l-ispezzjoni tista' tibda fit-30 ta' Jannar 2024 jew ftit wara.

6 Il-motivazzjoni rilevanti tad-Deċiżjoni kkontestata tissemma fil-premessi li ġejjin:

"(2) Il-Kummissjoni għandha informazzjoni li tissuġġerixxi li l-manifatturi prinċipali ta' tajers fiż-ŻEE, fosthom [ir-rikorrenti], [kienu] pparteċipaw u għadhom jistgħu jipparteċipaw fi ftehimiet antikompetittivi u/jew fi prattiki miftiehma fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-prezzijiet (b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa) tat-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-karozzi u għat-trakkijiet mibjugħa fiż-ŻEE.

(3) B'mod partikolari, skont l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni, il-manifatturi ta' tajers, fosthom [ir-rikorrenti], skambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva (inkluż permezz ta' mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd), dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom b'mod li jinfluwenzaw il-politiki rispettivi tagħhom tal-prezzijiet.

(4) Dan l-aġir beda tal-inqas [fis-sena msemmija], iżda ma [jistax] jiġi eskluż li beda qabel, u li għadu għaddej [(iktar 'il quddiem il-"perijodu prinċipali")]. Hemm elementi li jindikaw koordinazzjoni minn qabel dwar dawn il-prodotti tal-inqas [matul perijodu preċedenti] [(iktar 'il quddiem il-"perijodu preċedenti", li jippreċedi l-perijodu prinċipali b'diversi snin)].

(5) Il-provi fil-pussess tal-Kummissjoni jindikaw li l-aġir jikkonċerna tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-karozzi u għat-trakkijiet għall-bejgħ fiż-ŻEE.

[…]

(8) […] F'kull impriża, id-diretturi u numru limitat ta' persunal ta' fiduċja, fosthom dawk li jgħinu fil-preparazzjoni interna tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi tal-impriża, jista' jkollhom għarfien ċar tal-eżistenza tal-ftehimiet ta' koordinazzjoni ssuspettati u tal-għan, il-motivi u l-funzjonament eżatti tagħhom. […] Peress li l-ftehimiet restrittivi u l-prattiki miftiehma huma ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni, li jista' wassal għal sanzjonijiet pekunjarji, hemm ir-riskju li, jekk l-informazzjoni tkun inġabret permezz ta' talba għal informazzjoni jew jekk l-ispezzjoni tkun tħabbret minn qabel, l-informazzjoni rilevanti tiġi kompromessa jew meqruda. Dan [ikun] japplika għall-informazzjoni dwar is-suspetti ta' koordinazzjoni ta' aġir futur fis-swieq f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet (b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa) tal-prodotti kkonċernati kif ukoll is-suspetti dwar l-għażla tal-manifatturi li jindikaw b'mezzi pubbliċi lill-kompetituri l-politiki tariffarji futura." [traduzzjoni mhux uffiċjali]

7 Fit-30 ta' Jannar 2024, spetturi tal-Kummissjoni, akkumpanjati minn rappreżentanti tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni (Franza), marru fil-bini tar-rikorrenti sabiex jikkomunikawlha d-Deċiżjoni kkontestata u sabiex iwettqu l-ispezzjoni. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni wettqet żjara fl-uffiċċji, ġabret materjal (laptops, mobiles, tablets, apparat ta' ħażna), intervistat diversi persuni u kkopjat il-kontenut tal-materjal miġbur.

8 Fit-2 ta' Frar 2024, l-ispezzjoni ġiet sospiża.

9 Wara s-sospensjoni tal-ispezzjoni, ir-rikorrenti bagħtet dokument lill-Kummissjoni bid-data tat-2 ta' Frar 2024, li fih hija fformulat riżervi fir-rigward tal-kontenut tad-Deċiżjoni kkontestata u tal-iżvolġiment tal-ispezzjoni, fejn ikkontestat il-kamp *ratione materiae* u *ratione temporis* tal-ksur issuspettat kif ukoll ċerti talbiet magħmula mill-ispetturi tal-Kummissjoni matul l-ispezzjoni.

10 Fl-4 ta' Marzu 2024, l-ispezzjoni tkompliet fil-bini tal-Kummissjoni fi Brussell (il-Belġju). Hija ntemmet fis-7 ta' Marzu 2024.

II. It-talbiet tal-partijiet

11 Ir-rikorrenti essenzjalment titlob, fl-aħħar verżjoni tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-Deċiżjoni kkontestata;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

12 Il-Kummissjoni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

III. Id-dritt

13 Preliminarjament, fuq il-livell proċedurali, għandu jiġi rrilevat li, fl-istadju tar-risposta, il-Kummissjoni kkomunikat spjegazzjonijiet u elementi materjali sabiex tippermetti lill-Qorti Ġenerali tiddetermina jekk hija kellhiex indizji suffiċjentement serji sabiex tissuspetta ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u b'hekk tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha li tuża s-setgħat ta' spezzjoni tagħha fil-bini tar-rikorrenti.

14 Wara din il-komunikazzjoni, il-Qorti Ġenerali adottat żewġ sensiliet ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura sabiex, minn naħa, tiġbor l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti fuq dawn l-ispjegazzjonijiet u dawn l-elementi u, min-naħa l-oħra, tikseb preċiżazzjonijiet min-naħa tal-Kummissjoni dwar ċerti affermazzjonijiet magħmula fid-Deċiżjoni kkontestata.

15 Skont l-ewwel miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tadatta bil-miktub l-argumenti mressqa fir-rikors fid-dawl tal-iżviluppi li hija saret taf bihom meta qrat ir-risposta u l-annessi tagħha. Skont it-tieni miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, ir-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tesprimi ruħha bil-miktub fuq l-ispjegazzjonijiet u l-elementi materjali ppreżentati mill-Kummissjoni bi tweġiba għall-ewwel miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura. Is-seduta ppermettiet ukoll lir-rikorrenti tesprimi ruħha fuq l-osservazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni, fir-rigward tat-tieni miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, fuq it-tweġibiet li r-rikorrenti kienet tat għall-ewwel miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura.

16 Għalhekk, huwa fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet u tal-elementi materjali kkomunikati mill-Kummissjoni, li l-kontenut tagħhom ser jiġi espost sussegwentement waqt l-eżami tal-klassifikazzjoni tagħhom bħala indizji suffiċjentement serji sabiex jiġġustifikaw deċiżjoni li tordna s-sottomissjoni tagħhom għal spezzjoni, li għandha tiġi eżaminata t-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

17 Insostenn tat-talba għal annullament, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, minħabba li d-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjentement motivata, u, it-tieni wieħed, fuq ksur tad-dritt fundamentali għar-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha, imsejjaħ ukoll id-"dritt għall-invjolabbiltà tad-domiċilju" jew id-"dritt għal ħajja privata", minħabba li d-Deċiżjoni kkontestata hija arbitrarja u sproporzjonata.

18 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, minkejja li l-att ikkontestat permezz ta' dan ir-rikors huwa effettivament id-deċiżjoni li ordnat l-ispezzjoni inkwistjoni u minkejja li l-motivi kollha mqajma mir-rikorrenti huma intiżi esklużivament għall-annullament ta' din id-deċiżjoni, ċerti osservazzjonijiet u ċerti argumenti li hija fformulat fil-kuntest tal-fażi bil-miktub tal-proċedura jirrigwardaw l-iżvolġiment tal-ispezzjoni mwettqa mill-Kummissjoni b'implimentazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

19 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, il-mod li bih deċiżjoni li tordna spezzjoni tkun ġiet applikata ma għandux effett fuq il-legalità ta' din id-deċiżjoni u li impriża ma tistax għaldaqstant tinvoka l-illegalità li biha hija vvizzjata t-tmexxija ta' proċeduri ta' verifika insostenn ta' talbiet għal annullament diretti kontra l-att li abbażi tiegħu l-Kummissjoni wettqet din il-verifika (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata; ara wkoll, f'dan ir-rigward, il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Les Mousquetaires u ITM Entreprises vs Il-Kummissjoni, C-682/20 P, EU:C:2022:578, punti 67 u 68).

20 Madankollu, sa fejn ir-rikorrenti ma tallegax li l-iżvolġiment tal-ispezzjoni nnifisha jikkostitwixxi r-raġuni li għaliha d-Deċiżjoni kkontestata ma hijiex suffiċjentement motivata jew l-isfera privata tagħha nkisret b'mod illegali, għandu jitqies li r-rikorrenti ġibdet l-attenzjoni għall-iżvolġiment tal-ispezzjoni biss sabiex turi n-nuqqasijiet ta' ċarezza jew ta' preċiżjoni allegati fir-rigward tal-motivazzjoni jew tal-portata tal-indħil awtorizzat minn deċiżjoni li tordnalha tissottometti ruħha għal spezzjoni (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punti 23 u 24).

21 Għaldaqstant, huwa minn din il-perspettiva li għandhom jiġu evalwati l-kummenti u l-argumenti inkwistjoni waqt l-eżami tal-motivi għall-annullament tad-Deċiżjoni kkontestata.

A. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni

22 Ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata ma tissodisfax l-obbligu ta' motivazzjoni minħabba l-kontenut eċċessivament qasir, ġeneriku, vag u ambigwu tagħha. Il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata hija impreċiża u estensiva minħabba l-użu tal-kliem "u/jew", "b'mod partikolari", "inklużi" u "tal-inqas". Minħabba f'hekk, il-kampijiet *ratione materiae* u *ratione temporis* tal-ksur issuspettat huma ambigwi, inġustifikati jew irraġonevoli, ħaġa li kellha l-konsegwenza li tipprekludi lir-rikorrenti milli tifhem b'mod ċar dak li ġiet akkużata bih u, għaldaqstant, ċaħditha mill-possibbiltà li tipproteġi b'mod sħiħ id-drittijiet tagħha.

23 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

1. Osservazzjonijiet preliminari

24 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-motivazzjoni tal-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea meħtieġa mill-Artikolu 296 TFUE għandha tkun adattata għan-natura tal-att inkwistjoni u għandha turi b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament tal-awtur tiegħu, b'mod li jippermetti lill-persuna kkonċernata tkun taf il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-qorti kompetenti teżerċita l-istħarriġ tagħha (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 31 u l-ġurisprudenza ċċitata).

25 Ir-rekwiżit tal-motivazzjoni għandu jkun evalwat skont iċ-ċirkustanzi tal-każ, b'mod partikolari l-kontenut tal-att, in-natura tal-motivi invokati u tal-interess li d-destinatarju tiegħu jista' jkollu sabiex jirċievi spjegazzjonijiet. Ma huwiex meħtieġ li l-motivazzjoni tispeċifika l-punti ta' fatt u ta' liġi rilevanti kollha sa fejn il-verifika ta' jekk il-motivazzjoni ta' att tissodisfax ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 296 TFUE ma għandhiex issir biss fid-dawl tal-formulazzjoni tiegħu iżda wkoll fid-dawl tal-kuntest tiegħu u tad-dispożizzjonijiet legali kollha li jirregolaw is-suġġett (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 Għandu jittieħed inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest ġuridiku li fih jitwettqu l-ispezzjonijiet tal-Kummissjoni. L-Artikoli 4 u l-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 1/2003 jagħtu fil-fatt setgħat ta' spezzjoni lill-Kummissjoni bl-għan li tkun tista' twettaq il-missjoni tagħha li tipproteġi s-suq intern minn distorsjonijiet ta' kompetizzjoni u tippenalizza kull ksur possibbli tar-regoli tal-kompetizzjoni f'dan is-suq (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27 Għaldaqstant, għal dak li jirrigwarda iktar speċifikament id-deċiżjonijiet ta' spezzjoni tal-Kummissjoni, mill-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003 jirriżulta li dawn għandhom jindikaw, b'mod partikolari, is-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni. Dan l-obbligu ta' motivazzjoni speċifika jikkostitwixxi, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ppreċiżat, rekwiżit fundamentali mhux biss sabiex tintwera n-natura ġġustifikata tal-intervent previst fl-impriżi kkonċernati, iżda wkoll sabiex dawn jitqiegħdu f'pożizzjoni li jifhmu l-portata tad-dmir tagħhom ta' kollaborazzjoni filwaqt li fl-istess ħin jitħarsu d-drittijiet tad-difiża tagħhom (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

28 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata tikkomunika lid-destinatarja ta' deċiżjoni ta' spezzjoni l-informazzjoni kollha għad-dispożizzjoni tagħha dwar il-ksur issuspettat jew li tagħmel analiżi legali preċiża ta' dak il-ksur, bil-kundizzjoni li hija tindika b'mod ċar il-fatti preżunti li hija tkun biħsiebha tinvestiga (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 Għalkemm huwa minnu li l-Kummissjoni hija obbligata tindika b'mod preċiż kemm jista' jkun il-prova li tkun qiegħda tfittex u l-kwistjonijiet li tkun relatata magħhom l-investigazzjoni, mill-banda l-oħra ma huwiex essenzjali f'deċiżjoni li tordna spezzjoni li jkun hemm indikazzjoni preċiża tas-suq rilevanti, tan-natura legali tal-ksur issuspettat jew tal-perijodu li matulu jkun seħħ dak il-ksur, sakemm din id-deċiżjoni jkollha l-elementi essenzjali msemmija fil-punti 24 sa 28 iktar 'il fuq (ara s-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 36 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Fil-fatt, fid-dawl tal-fatt li l-ispezzjonijiet iseħħu fil-bidu tal-investigazzjoni, il-Kummissjoni jkun għad ma jkollhiex ġeneralment informazzjoni preċiża sabiex toħroġ opinjoni legali speċifika u għandha l-ewwel tivverifika l-fondatezza tas-suspetti tagħha kif ukoll il-portata tal-avvenimenti li seħħew, peress li l-għan tal-ispezzjoni huwa preċiżament li jinġabru provi relatati ma' ksur issuspettat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punt 37 u l-ġurisprudenza ċċitata).

2. Fuq l-ilment ibbażat fuq motivazzjoni qasira jew ġenerika

31 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li d-Deċiżjoni kkontestata tinkludi motivazzjoni speċifika dwar is-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni li, konformement mal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 24 sa 30 iktar 'il fuq, għandha l-għan li turi n-natura ġġustifikata tal-intervent previst fil-bini tar-rikorrenti u li tpoġġiha f'pożizzjoni li tifhem il-portata tad-dmir tagħha ta' kollaborazzjoni filwaqt li tippreżerva d-drittijiet tad-difiża tagħha. L-imsemmija motivazzjoni għandha għalhekk l-intenzjoni li tissodisfa l-obbligu li għandha l-Kummissjoni li tesponi b'mod ċar is-suspetti li hija għandha l-intenzjoni li tivverifika u li tindika, bl-iktar mod preċiż possibbli, dak li huwa mfittex u l-elementi li dwarhom għandha ssir l-investigazzjoni, mingħajr madankollu ma hija obbligata tikkomunika lir-rikorrenti l-informazzjoni kollha li hija għandha matul il-komunikazzjoni tad-deċiżjoni ta' spezzjoni jew twettaq, f'din id-deċiżjoni, analiżi legali rigoruża ta' ksur li għadu biss issuspettat u bl-ebda mod ma ġie stabbilit.

32 F'dan ir-rigward, mill-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni kkontestata, li jesponi s-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni, jirriżulta li s-suspetti tal-Kummissjoni jirrigwardaw il-parteċipazzjoni possibbli tar-rikorrenti fi ftehimiet jew fi prattiki li jmorru kontra l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE li jirrigwardaw "il-koordinazzjoni bejn il-manifatturi prinċipali ta' tajers tal-prezzijiet (b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa) għat-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-vetturi u għat-trakkijiet fiż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (iktar 'il quddiem il-"koordinazzjoni ssuspettata").

33 Il-motivazzjoni li tinsab fid-Deċiżjoni kkontestata tipprovdi wkoll diversi preċiżazzjonijiet li jippermettu li tiġi identifikata aħjar il-koordinazzjoni ssuspettata mill-Kummissjoni, li tikkonċerna "b'mod partikolari [l-]prezzijiet bl-ingrossa" (l-Artikolu 1 u l-premessa 2 tad-Deċiżjoni kkontestata), tinkludi "l-użu intenzjonat tal-komunikazzjonijiet pubbliċi tal-impriżi sabiex jinformaw lil xulxin dwar l-intenzjonijiet futuri u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom sabiex jinfluwenzaw il-politiki rispettivi tagħhom tal-prezzijiet" (l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni kkontestata) u tat lok, b'mod partikolari, għal "skambj[i ta'] informazzjoni kummerċjalment sensittiva [bejn manifatturi ta' tajers] (inkluż permezz ta' mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd), dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom b'mod li jinfluwenzaw il-politiki rispettivi tagħhom tal-prezzijiet"(il-premessa 3 tad-Deċiżjoni kkontestata) [traduzzjoni mhux uffiċjali].

34 Kuntrarjament għal dak li tafferma r-rikorrenti, tali motivazzjoni ma tistax tiġi kkunsidrata bħala qasira jew ġenerika, peress li tesponi s-suspetti li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni tivverifika matul l-ispezzjoni fir-rigward tal-koordinazzjoni ssuspettata u tindika dak li kien imfittex kif ukoll l-elementi li fuqhom kellha ssir l-investigazzjoni.

3. Fuq l-ilment ibbażat fuq motivazzjoni vaga, ambigwa, impreċiża jew estensiva u l-konsegwenzi tagħha fuq il-komprensjoni ta' dak li qiegħed jiġi kkritikat

35 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata hijiex ċara u preċiża kemm jista' jkun, fl-istadju tal-eżami tal-motivazzjoni għandu jiġi żgurat li d-deskrizzjoni tal-koordinazzjoni ssuspettata li saret mill-Kummissjoni ma tinkludix impreċiżjonijiet jew ambigwitajiet b'tali mod li r-rikorrenti ma tkunx tista' tifhem il-portata tad-dmir tagħha ta' kollaborazzjoni u fl-istess ħin tippreżerva d-drittijiet tad-difiża tagħha fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija fil-punti 24 sa 30 iktar 'il fuq.

36 F'dan ir-rigward, l-użu tal-proposta alternattiva "u/jew" fid-deskrizzjoni tal-forma meħuda mill-koordinazzjoni ssuspettata, peress li din setgħet, skont il-Kummissjoni, seħħet kemm permezz ta' ftehimiet bejn impriżi kif ukoll permezz ta' prattiki miftiehma, ma għandux konsegwenza partikolari għar-rikorrenti. F'dan il-każ, fil-fatt, il-klassifikazzjoni ġuridika eżatta tal-koordinazzjoni ssuspettata ta' ftehim bejn impriżi jew ta' prattika miftiehma tiddependi minn evalwazzjoni li ma tistax tkun meħtieġa fil-mument tat-tfassil tad-deċiżjoni ta' spezzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Ġunju 2014, Nexans u Nexans France vs Il-Kummissjoni, C-37/13 P, EU:C:2014:2030, punti 36 u 37). Barra minn hekk u fi kwalunkwe każ, ir-riżultat ta' din il-klassifikazzjoni ma jidhirx f'dan il-każ ta' natura li jbiddel il-portata tad-dmir ta' kollaborazzjoni tar-rikorrenti jew il-portata tad-drittijiet tad-difiża tagħha matul l-ispezzjoni. Għalhekk, meta ġiet mistoqsija dwar dan il-punt waqt is-seduta, ir-rikorrenti ma kinitx f'pożizzjoni li tidentifika tali konsegwenza għal dak li kien jikkonċernaha f'din il-kawża.

37 Fir-rigward tal-użu tal-kliem "b'mod partikolari" jew "inklużi" sabiex jiġu deskritti s-suspetti tal-Kummissjoni, l-użu tagħhom jiffaċilita l-komprensjoni tal-indikazzjonijiet li jagħmlu parti minnhom, jiġifieri "b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa" u "inkluż permezz ta' mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd", billi jippermetti lir-rikorrenti tidentifika aħjar dak li hija akkużata bih fil-mument meta tiġi ordnata tissottometti ruħha għal spezzjoni.

38 Minn naħa, dawn l-indikazzjonijiet juru l-kontenut tal-koordinazzjoni ssuspettata. B'hekk, is-suspetti tal-Kummissjoni jirrigwardaw ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni li jikkonsisti fil-koordinazzjoni tal-prezzijiet tat-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-vetturi u għat-trakkijiet mibjugħa fiż-ŻEE. Billi indikat li l-koordinazzjoni ssuspettata tirrigwarda "b'mod partikolari" – jiġifieri b'mod li jimmerita li jiġi evalwat – il-prezzijiet bl-ingrossa, il-Kummissjoni tipprovdi preċiżazzjoni dwar dak li hija akkużata bih ir-rikorrenti. Bl-istess mod, billi tenfasizza li l-koordinazzjoni tal-prezzijiet tal-manifatturi prinċipali ta' tajers, fosthom ir-rikorrenti, seħħet permezz ta' skambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom li jinkludi – dak li huwa t-tifsira ta' "inkluż" – skambji mwettqa fuq mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd jew tinkludi l-użu intenzjonat ta' komunikazzjonijiet pubbliċi tal-impriżi, il-Kummissjoni tispjega l-koordinazzjoni ssuspettata.

39 Min-naħa l-oħra, l-użu tal-kliem "b'mod partikolari" jew "inkluż" jippermetti li jinftiehem li l-informazzjoni li għandha l-Kummissjoni ma tikkonċernax biss l-elementi li jsegwu dawn l-indikazzjonijiet. Is-suspetti tal-Kummissjoni għalhekk jirrigwardaw b'mod iktar wiesa' l-koordinazzjoni mill-manifatturi tal-prezzijiet, u mhux biss tal-prezzijiet bl-ingrossa, tat-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-karozzi u għat-trakkijiet fiż-ŻEE u jimplikaw li mezzi oħra minbarra l-mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd setgħu jintużaw sabiex isir skambju ta' informazzjoni kummerċjalment sensittiva dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġiji tariffarji rispettivi ta' dawn il-manifatturi.

40 L-użu tal-kliem "b'mod partikolari" jew "inkluż" jippermetti li jiġi kkunsidrat li l-illustrazzjonijiet ipprovduti ma jikkostitwixxux indikazzjonijiet eżawrjenti tal-kamp *ratione materiae* tal-ksur issuspettat.

41 Fir-rigward tal-użu tal-kliem "tal-inqas" sabiex tiġi ddefinita d-dimensjoni *ratione temporis* tal-koordinazzjoni ssuspettata, mill-ewwel sentenza tal-premessa 4 tad-Deċiżjoni kkontestata jirriżulta li din il-koordinazzjoni bdiet "tal-inqas" matul perijodu prinċipali, li ma jistax jiġi eskluż li din bdiet iktar kmieni u li hija għadha għaddejja fil-mument tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni

kkontestata. Mit-tieni sentenza ta' din il-premessa jirriżulta wkoll li l-elementi jindikaw koordinazzjoni minn qabel dwar it-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-karozzi u t-trakkijiet mibjugħa fiż-ŻEE "tal-inqas" matul perijodu preċedenti.

42 F'dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li, billi ddeċidiet fuq inizjattiva tagħha stess li tipprovdi ċerti indikazzjonijiet dwar id-dimensjoni *ratione temporis* tal-koordinazzjoni ssuspettata, il-Kummissjoni qieset li kien neċessarju li ssemmi din l-informazzjoni fid-Deċiżjoni kkontestata sabiex ir-rikorrenti tkun f'pożizzjoni li tifhem il-portata tad-dmir tagħha ta' kollaborazzjoni u li tippreżerva d-drittijiet tad-difiża tagħha matul l-ispezzjoni. Dawn l-indikazzjonijiet għalhekk jagħmlu parti mill-motivazzjoni u jippermettu, bħala tali, li jiġu ddeterminati l-elementi li fuqhom kellha ssir il-verifika.

43 Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li l-motivazzjoni esposta fil-punt 41 iktar 'il fuq tippermetti lir-rikorrenti tifhem il-portata tad-Deċiżjoni kkontestata u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha. Fil-fatt, din il-motivazzjoni ssemmi, minn naħa, li l-koordinazzjoni ssuspettata "[bdiet] tal-inqas" matul il-perijodu prinċipali, mingħajr ma jista' jiġi eskluż li hija "[bdiet] qabel" u li hija "għad[ha] għaddej[ja]", u, min-naħa l-oħra, li l-elementi jindikaw koordinazzjoni minn qabel "tal-inqas" matul il-perijodu preċedenti. L-imsemmija motivazzjoni tippermetti wkoll li jinftiehem – ħaġa li l-Kummissjoni tikkonferma quddiem il-Qorti Ġenerali – jew li l-ksur issuspettat seta' dam għal żmien twil, jiġifieri mill-bidu tal-perijodu preċedenti sat-tmiem tal-perijodu prinċipali msemmi fid-Deċiżjoni kkontestata, jew li l-ksur issuspettat kien beda tal-inqas matul il-perijodu preċedenti u kien reġa' beda tal-inqas matul il-perijodu prinċipali u li għalhekk f'dan il-każ għandu jiġi vverifikat jekk dan kienx kontinwu jew ripetut, inkluż matul il-perijodu intermedju li kien jissepara l-perijodu prinċipali msemmi fid-Deċiżjoni kkontestata.

44 Tali tifsiriet, li r-rikorrenti setgħet tifhem, jippermettu li jiġi kkunsidrat li hija ma kinitx tinsab f'sitwazzjoni fejn hija kienet prekluża milli tifhem b'mod ċar is-suspetti tal-Kummissjoni u, għaldaqstant, ġiet imċaħħda mill-possibbiltà li tipproteġi b'mod sħiħ id-drittijiet tad-difiża tagħha wara l-komunikazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata.

45 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat, kif tagħmel il-Kummissjoni, li din il-motivazzjoni ppermettiet lir-rikorrenti tallega li ma ssemmix l-iċken indizju f'dak li jirrigwarda l-perijodu li kien jissepara ż-żewġ perijodi msemmija fid-Deċiżjoni kkontestata.

46 Bl-istess mod, b'mod iktar wiesa', l-argument tar-rikorrenti dwar in-natura ekwivoka, inġustifikata jew irraġonevoli tal-motivazzjoni dwar l-oqsma *ratione materiae* u *ratione temporis* tal-ksur issuspettat ma jirreferix realment għal problema ta' komprensjoni, iżda huwa bbażat pjuttost, essenzjalment, fuq l-idea li l-indikazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-kontenut tas-suspetti tagħha ma humiex sostnuti minn indizji suffiċjentement serji.

47 Tali kwistjonijiet, li ma jikkonċernawx l-eżistenza ta' motivazzjoni bħala tali, iżda l-eżistenza ta' indizji li jistgħu jiġġustifikaw is-suspetti msemmija, ser jiġu eżaminati sussegwentement taħt it-tieni motiv fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet u tal-elementi materjali kkomunikati mill-Kummissjoni sabiex jippermettu l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjoni ta' natura amministrattiva li tordna lid-destinatarju tagħha jissottometti ruħu għal spezzjoni għar-raġunijiet esposti f'din id-deċiżjoni.

48 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat, peress li l-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata tippermetti, skont l-Artikolu 296 TFUE, lir-rikorrenti ssir taf il-ġustifikazzjonijiet tal-miżura meħuda u lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-istħarriġ tagħha. Din il-motivazzjoni tindika wkoll, skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003, is-suġġett u l-għan tal-ispezzjoni b'mod suffiċjenti sabiex tintwera n-natura ġġustifikata tal-intervent previst fil-bini tar-rikorrenti u sabiex din titqiegħed f'pożizzjoni li tifhem il-portata tad-dmir tagħha ta' kollaborazzjoni filwaqt li jiġu ppreżervati d-drittijiet tad-difiża tagħha.

B. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għar-rispett tad-domiċilju u tal-komunikazzjonijiet tar-rikorrenti

49 Ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata ma tirrispettax id-dritt għar-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha, imsejjaħ ukoll "dritt fundamentali għall-invjolabbiltà tad-domiċilju". Dan il-motiv huwa maqsum f'żewġ partijiet. Minn naħa, id-Deċiżjoni kkontestata hija arbitrarja għaliex il-Kummissjoni ma għandhiex indizji suffiċjentement serji li jippermettulha tissuspetta l-involviment tar-rikorrenti fi ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Min-naħa l-oħra, id-Deċiżjoni kkontestata tikkostitwixxi ndħil sproporzjonat fil-funzjonament tagħha u fil-prestazzjonijiet tagħha. Preliminarjament, ir-rikorrenti ssostni essenzjalment li, fid-dawl tax-xebh bejn eżempju bbażat fuq il-Linji Gwida dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 [TFUE] għall-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali (ĠU 2023, C 259, p. 1, iktar 'il quddiem il-"Linji Gwida tal-2023") u l-koordinazzjoni ssuspettata, din il-kawża għandha biss l-għan li tagħti effett lill-każ teoretiku msemmi minn dan l-eżempju mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi partikolari tas-sitwazzjoni eżaminata.

1. Osservazzjonijiet preliminari

50 Għandu jiġi kkonstatat li persuna ġuridika tista' tinvoka, bħal persuna fiżika, id-dritt fundamentali għall-invjolabbiltà tad-domiċilju, li jaqa' fil-kuntest tal-protezzjoni tal-ħajja privata.

51 Fil-fatt, għandu jitfakkar li r-rekwiżit ta' protezzjoni kontra interventi arbitrarji jew sproporzjonati tal-awtoritajiet pubbliċi fl-isfera tal-attività privata ta' kwalunkwe persuna, indipendentement minn jekk din hijiex fiżika jew ġuridika, huwa prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata; sentenza kkonfermata fl-appell permezz tas-sentenza tat-30 ta' Jannar 2020, České dráhy vs Il-Kummissjoni, C-538/18 P u C-539/18 P, mhux ippubblikata, EU:C:2020:53).

52 Għandu jiġi rrilevat ukoll li d-dritt fundamentali għall-invjolabbiltà tad-domiċilju jikkostitwixxi prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, li huwa espress fl-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), li jikkorrispondi għall-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950 (ara s-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, C-583/13 P, EU:C:2015:404, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

53 Għalhekk, skont l-Artikolu 7 tal-Karta, kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha. L-Artikolu 52(1) tal-Karta jippreċiża f'dan ir-rigward li kull limitazzjoni fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt għandha tkun prevista mil-liġi u għandha tosserva

l-kontenut essenzjali tiegħu kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jipprovdi li jistgħu jsiru limitazzjonijiet biss jekk ikunu neċessarji u jissodisfaw effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-ħtieġa ta' protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor.

54 Bl-istess mod, skont l-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, kull persuna għandha d-dritt għar-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-korrispondenza tagħha u ma jistax ikun hemm indħil minn awtorità pubblika fl-eżerċizzju ta' dan id-dritt ħlief sa fejn dan l-indħil ikun previst mil-liġi u jikkostitwixxi miżura li hija neċessarja f'soċjetà demokratika.

55 Fil-prattika, sabiex tiġi protetta l-isfera ta' attività ta' persuna ġuridika kontra interventi arbitrarji jew sproporzjonati tal-awtorità pubblika u sabiex jiġi rrispettat id-dritt fundamentali għall-invjolabbiltà tad-domiċilju, jiġifieri d-dritt ta' persuna ġuridika għall-osservanza tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha, minn naħa, għandu jitfakkar li deċiżjoni li tordna spezzjoni għandha tkun intiża sabiex tiġbor id-dokumentazzjoni neċessarja sabiex jiġu vverifikati r-realtà u l-portata ta' sitwazzjonijiet ta' fatt u ta' liġi speċifiċi li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni diġà għandha informazzjoni, li tikkostitwixxi indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

56 Fi kliem ieħor, il-pussess ta' indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni jikkostitwixxi kundizzjoni *sine qua non* sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tordna spezzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003 (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 36).

57 Min-naħa l-oħra, dejjem fl-osservanza tal-prinċipji msemmija fil-punti 51 sa 56 iktar 'il fuq, għandu jiġi rrilevat li t-termini ta' deċiżjoni li tordna spezzjoni ma għandhomx jeċċedu l-portata tal-ksur li jista' jiġi ssuspettat abbażi ta' tali indizji (sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 37).

58 Fil-fatt, sa fejn il-motivazzjoni ta' deċiżjoni li tordna spezzjoni tillimita l-kamp tas-setgħat mogħtija lill-membri tal-persunal tal-Kummissjoni, huma biss id-dokumenti li jaqgħu taħt is-suġġett tal-ispezzjoni li jistgħu jiġu mfittxija (sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni, C-583/13 P, EU:C:2015:404, punt 60). Il-prinċipju ġenerali msemmi fil-punt 51 iktar 'il fuq jipprekludi għalhekk formulazzjonijiet, f'deċiżjoni li tordna spezzjoni, li jwessgħu dan il-kamp lil hinn minn dak li jirriżulta mill-indizji suffiċjentement serji li l-Kummissjoni għandha fid-data tal-adozzjoni ta' tali deċiżjoni (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

59 Huwa f'dan il-kuntest li għandu jiġi evalwat l-argument tar-rikorrenti dwar in-natura arbitrarja jew sproporzjonata tad-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tad-dritt għar-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha.

2. Fuq ix-xebh bejn eżempju msemmi fil-Linji Gwida tal-2023 u l-koordinazzjoni ssuspettata

60 Ir-rikorrenti tistaqsi dwar il-motivazzjoni, in-neċessità jew il-proporzjonalità tad-Deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tidher li għandha l-għan li tapplika eżempju nieqes minn bażi ġurisprudenzjali u mhux suġġett għal konsultazzjoni pubblika. B'hekk, ftit qabel l-ispezzjoni, il-Kummissjoni tat l-eżempju ta' każ ġdid ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni fil-Linji Gwida

tal-2023. Dan l-eżempju ma ġiex inkluż fl-abbozz tal-Linji Gwida suġġett għal konsultazzjoni pubblika u ma jinkludi l-ebda riferiment għall-ġurisprudenza u lanqas għall-prassi deċiżjonali. Ix-xebh bejn dan l-eżempju u d-Deċiżjoni kkontestata, li essenzjalment tirreferi għal informazzjoni dwar it-traskrizzjonijiet tal-earnings calls (konferenzi telefoniċi dwar ir-riżultati), dwar l-avviżi pubbliċi unilaterali ta' żieda fil-prezzijiet u dwar l-allegata dixxiplina tas-settur sabiex jinżammu l-marġni, huwa għalhekk sorprendenti.

61 Il-Kummissjoni ssostni li, anki jekk ix-xebh invokat kien jeżisti, ir-rikorrenti ma tispjegax kif dan jirrendi d-Deċiżjoni kkontestata arbitrarja u sproporzjonata.

62 F'dan il-każ, għandu qabelxejn jiġi rrilevat li, fil-preżentazzjoni tagħha tal-ispjegazzjonijiet u tal-elementi materjali li jippermettu li tiġi ġġustifikata d-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni bdiet billi ssostni li, skont l-evalwazzjoni tagħha, id-dikjarazzjonijiet pubbliċi ta' impriżi setgħu jiffaċilitaw koordinazzjoni u jikkompletaw, jew saħansitra jissostitwixxu, il-komunikazzjonijiet sigrieti sabiex jimplimentaw kollużjonijiet antikompetittivi. Sabiex tipprevedi tali ipoteżi, il-Kummissjoni fakkret li kienet ippreżentat eżempju dwar l-"avviżi pubbliċi unilaterali" fil-parti dwar il-kompatibbiltà tal-iskambji ta' informazzjoni tal-Linji Gwida tagħha tal-2023. Dan l-eżempju, li jikkorrispondi għall-eżempju 4 tal-punt 432 tal-Linji Gwida tal-2023, huwa s-segwenti:

"Sitwazzjoni: [L-uffiċjal kap eżekuttiv (CEO)] ta' produttur ewlieni ta' prodott omoġenju tirreferi pubblikament f'laqgħa dwar ir-riżultati finanzjarji għall-ħtieġa li jkun hemm rispons għaż-żidiet riċenti fil-prezzijiet tal-materja prima u li jiġu indirizzati l-marġnijiet kurrenti ta' profitt baxxi wisq permezz ta' żieda fil-prezzijiet għall-industrija kollha. Hija ssemmi li tallinja ma' kwalunkwe żieda fil-prezz li l-kompetituri jħabbru fis-suq. Tesprimi wkoll it-twemmin tagħha li l-industrija hija 'dixxiplinata biżżejjed' sabiex tkun taf x'għandha bżonn bħalissa sabiex 'terġa' tirranġa l-marġnijiet'. Hija tgħid li wara kollox, l-industrija implimentat żidiet fil-prezzijiet b'suċċess 10 snin ilu, meta sabet ruħha f'sitwazzjoni simili.

Analiżi: Id-dikjarazzjonijiet tas-CEO fil-laqgħa dwar ir-riżultati finanzjarji jistgħu jinqraw bħala stedina unilaterali għall-kollużjoni. Il-fatt li t-tħabbira sseħħ fil-pubbliku ma jeskludix bħala tali li tista' tikkostitwixxi prattika miftiehma skont it-tifsira tal-Artikolu 101(1)[TFUE]. Id-dikjarazzjonijiet jistgħu jipprovdu punt fokali potenzjali għall-koordinazzjoni bejn il-kompetituri. Jekk, pereżempju, kompetituri oħrajn jagħmlu dikjarazzjonijiet kontemporanji jew iġibu ruħhom fis-suq li juru li jkunu ħadu l-istedina sabiex jikkolludu meta jiddeterminaw l-azzjoni futura tagħhom stess fis-suq, u, skont il-kuntest legali u ekonomiku, l-imġiba tista' tammonta għal restrizzjoni tal-kompetizzjoni minħabba l-għan skont it-tifsira tal-Artikolu 101(1)[TFUE]. Kompetituri oħra jistgħu jillimitaw dan ir-riskju billi jitbiegħdu pubblikament mit-tħabbir jew billi jirrapportaw it-tħabbir lill-awtoritajiet pubbliċi."

63 Bl-istess mod, għandu jiġi kkonstatat li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni semmiet suspetti dwar prattika li tmur kontra l-Artikolu 101 TFUE li tirrigwarda l-"koordinazzjoni bejn il-manifatturi prinċipali ta' tajers tal-prezzijiet […] għat-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-vetturi u għat-trakkijiet fiż-ŻEE", li jinkludi "l-użu intenzjonat tal-komunikazzjonijiet pubbliċi tal-impriżi sabiex jinformaw lil xulxin dwar l-intenzjonijiet futuri u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom sabiex jinfluwenzaw il-politiki rispettivi tagħhom tal-prezzijiet" u li tat lok, b'mod partikolari, għal "skambj[i ta'] informazzjoni kummerċjalment sensittiva [bejn manifatturi ta' tajers] (inkluż permezz ta' mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd), dwar [dawn] l-intenzjonijiet u l-istrateġiji" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

64 Madankollu, sa fejn jeżisti ċertu xebh bejn is-sitwazzjoni msemmija fl-eżempju 4 tal-punt 432 tal-Linji Gwida tal-2023 u l-koordinazzjoni ssuspettata, dan ix-xebh ma jistax bħala tali jippermetti li jiġi konkluż li d-Deċiżjoni kkontestata, li diġà ġie indikat wara l-eżami tal-ewwel motiv li kienet tissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni, kienet għalhekk arbitrarja jew sproporzjonata.

65 Minn naħa, fil-fatt, b'mod ġenerali, għandu jitfakkar li l-Kummissjoni għandha, bħala istituzzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni, il-possibbiltà li tipprovdi, f'linji gwida, gwidi dwar l-interpretazzjoni tagħha tal-konformità mad-dritt tal-kompetizzjoni ta' aġir li għadu ma ġiex issanzjonat.

66 Min-naħa l-oħra, f'dak li jirrigwarda b'mod iktar partikolari din il-kawża, mill-ispjegazzjonijiet u mill-elementi kkomunikati mill-Kummissjoni fir-risposta jirriżulta li d-Deċiżjoni kkontestata kienet ġiet adottata fi tmiem proċess li kien jikkonsisti fl-identifikazzjoni ta' sitwazzjoni partikolari li kienet tissodisfa l-kriterji ddefiniti mill-Kummissjoni skont il-missjoni tagħha li timplimenta l-politika tal-kompetizzjoni.

67 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ebda element tal-proċess ma jippermetti li jiġi kkunsidrat li d-Deċiżjoni kkontestata kienet ġiet adottata bl-għan waħdieni li jingħata eżempju msemmi fil-Linji Gwida tal-2023. Għall-kuntrarju, l-ispjegazzjonijiet u l-elementi kkomunikati mill-Kummissjoni fir-risposta u bi tweġiba għall-ewwel miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura pjuttost jippermettu li jiġi kkunsidrat li d-Deċiżjoni kkontestata tirriżulta mill-implimentazzjoni ta' prinċipji ddefiniti b'mod oġġettiv mingħajr ma tkopri settur jew impriżi b'mod partikolari (ara l-punti 91 sa 104 iktar 'il quddiem).

68 Konsegwentement, ix-xebh bejn eżempju msemmi fil-Linji Gwida tal-2023 u l-koordinazzjoni ssuspettata f'din il-kawża ma huwiex ta' natura bħala tali li jikkontesta n-neċessità jew il-proporzjonalità tad-Deċiżjoni kkontestata. Għaldaqstant, l-argumenti mressqa f'dan ir-rigward mir-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

3. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-natura arbitrarja tad-Deċiżjoni kkontestata

69 Ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata hija ta' natura arbitrarja, li awtorizzat lill-Kummissjoni tibda spedizzjoni esploratorja tal-bini tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha. L-ewwel nett, id-Deċiżjoni kkontestata ssemmi li "l-Kummissjoni għandha informazzjoni" u "provi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] dwar koordinazzjoni ssuspettata, mingħajr ma tagħti iktar indikazzjonijiet dwar in-natura tagħhom, il-forma tagħhom, id-data tagħhom u l-awtur tagħhom. It-tieni nett, din l-assenza ta' dettall bħad-deskrizzjoni impreċiża u inkompleta tal-koordinazzjoni ssuspettata tindika li l-Kummissjoni ma kellhiex indizji suffiċjentement serji sabiex issostni s-suspetti tagħha. Għalhekk, hija l-qorti tal-Unjoni li għandha tiddetermina jekk il-Kummissjoni kellhiex tali indizji. It-tielet nett, l-enfasi li hemm fuq il-komunikazzjoni magħmula permezz ta' mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd jew fuq evalwazzjoni globali mhux iddettaljata tal-kunċett ta' prezz tkun turi nuqqas ta' fehim manifest tal-formazzjoni tal-prezz minn industrijalist, li hija partikolarment kumplessa u ma tistax tiġi ridotta għal xi dikjarazzjonijiet. Dan in-nuqqas ta' komprensjoni jirrendi ineffettiva l-ġustifikazzjoni tal-ispezzjoni deskritta fid-Deċiżjoni kkontestata.

70 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti. Hija għandha indizji suffiċjentement serji sabiex tissuspetta l-eżistenza tal-aġir antikompetittiv imsemmi fid-Deċiżjoni kkontestata u tiġġustifika għalhekk l-ispezzjoni, kif jirriżulta mill-elementi kkomunikati lill-Qorti Ġenerali.

71 F'dan il-każ, għandu jiġi ddeterminat, minn naħa, jekk il-Kummissjoni kellhiex indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mir-rikorrenti u, min-naħa l-oħra, jekk il-kamp tal-ispezzjoni limitat bid-Deċiżjoni kkontestata kienx ristrett għall-ksur li l-Kummissjoni setgħet tissuspetta abbażi ta' tali indizji.

a) Fuq l-assenza ta' neċessità li tiġi kkomunikata l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni kellha fid-Deċiżjoni kkontestata

72 Għandu jiġi rrilevat li l-partijiet jaqblu sabiex jirrikonoxxu li, għalkemm hija l-Kummissjoni li għandha tipprovdi ċerti indikazzjonijiet f'deċiżjoni li tordna spezzjoni, jiġifieri l-espożizzjoni tas-suspetti li fuqhom hija tibbaża ruħha u l-indikazzjoni li hija għandha indizji li jippermettu li jiġu ssostanzjati serjament dawn is-suspetti, l-imsemmija deċiżjoni ma għandhiex madankollu ssemmi l-informazzjoni kollha li għandha l-Kummissjoni f'dan l-istadju tal-investigazzjoni. Għandu jinstab bilanċ bejn dak li għandu jiġi espost fid-Deċiżjoni kkontestata u dak li ma huwiex neċessarju li jiġi indikat fiha.

73 Tali bilanċ huwa msemmi diversi drabi fil-ġurisprudenza.

74 Għalhekk, għalkemm il-Kummissjoni ma hijiex obbligata tikkomunika lid-destinatarju ta' deċiżjoni li tordna spezzjoni l-informazzjoni kollha li hija għandha fir-rigward tal-ksur issuspettat, hija għandha, min-naħa l-oħra, tindika fid-deċiżjoni ta' spezzjoni, bl-iktar mod preċiż possibbli, is-suspetti li hija għandha l-intenzjoni li tivverifika, jiġifieri dak li huwa mfittex u l-elementi li għandhom ikunu s-suġġett tal-ispezzjoni (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punti 38 u 39 u l-ġurisprudenza ċċitata).

75 Bl-istess mod, jekk, sabiex tistabbilixxi n-natura ġġustifikata tal-ispezzjoni, il-Kummissjoni hija obbligata li, fid-deċiżjoni li tordna spezzjoni, turi b'mod iddettaljat li hija għandha informazzjoni u indizji materjali serji li jwassluha sabiex tissuspetta l-ksur li l-impriża suġġetta għall-ispezzjoni hija ssuspettata bih, hija ma tistax tintalab tindika, fl-istadju tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, minbarra s-suspetti ta' ksur li għandha l-intenzjoni tivverifika, l-indizji, jiġifieri l-elementi li jwassluha sabiex tikkunsidra l-ipoteżi ta' ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, tali obbligu jmur kontra l-ekwilibriju li l-ġurisprudenza tistabbilixxi bejn il-ħarsien tal-effikaċja tal-investigazzjoni u l-ħarsien tad-drittijiet tad-difiża tal-impriża kkonċernata (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 45 u l-ġurisprudenza ċċitata).

76 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kellha tesponi l-kontenut tas-suspetti tagħha skont il-forma li dehrilha xierqa u tippreċiża li hija kellha indizji li jippermettu li dawn jiġu ssostanzjati jekk meħtieġ kif ukoll, jekk ikun il-każ, li jiġi vverifikat li tali deċiżjoni ma kinitx tippreġudika indebitament id-dritt għar-rispett tad-domiċilju u tal-komunikazzjonijiet.

77 F'dan il-kuntest, kuntrarjament għal dak li ssostni r-rikorrenti, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li indikat fid-Deċiżjoni kkontestata li hija "[kellha] informazzjoni" u "provi" [traduzzjoni mhux uffiċjali] dwar il-koordinazzjoni ssuspettata jew dwar uħud mill-aspetti tagħha mingħajr ma tat iktar indikazzjonijiet minn dawk li kienu msemmija fiha dwar in-natura jew il-forma ta' dawn l-elementi, jew lanqas preċiżazzjonijiet dwar id-data u l-awtur tagħhom. Tali indikazzjonijiet jew preċiżazzjonijiet ma humiex meħtieġa fil-mument meta l-Kummissjoni tikkomunika d-deċiżjoni li tordna spezzjoni.

b) Fuq in-natura suffiċjentement serja tal-indizji ppreżentati mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika d-Deċiżjoni kkontestata

1) Osservazzjonijiet preliminari

78 Għandu jiġi rrilevat li l-partijiet jaqblu fuq il-fatt li, meta l-qorti tal-Unjoni jkollha, bħal f'din il-kawża, twettaq l-istħarriġ ta' deċiżjoni li tordna spezzjoni sabiex tivverifika jekk din hijiex ta' natura arbitrarja, hija għandha tiżgura ruħha mill-eżistenza ta' indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni mill-impriża kkonċernata (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 48 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 F'dan ir-rigward, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, meta l-impriża destinatarja ta' deċiżjoni meħuda skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003 ikollha ċerti elementi li jqiegħdu f'dubju n-natura suffiċjentement serja tal-indizji li l-Kummissjoni kellha sabiex tadotta deċiżjoni bħal din, il-Qorti Ġenerali għandha teżamina dawn l-indizji u tistħarreġ in-natura suffiċjentement serja tagħhom (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni, T-325/16, EU:T:2018:368, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata). Tali verifika, li teħtieġ li l-Qorti Ġenerali tikseb komunikazzjoni tal-indizji suffiċjentement serji kkunsidrati bħala rilevanti mill-Kummissjoni għall-finijiet ta' din il-prova, twettqet fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni (T-135/09, EU:T:2012:596), u tal-20 ta' Ġunju 2018, České dráhy vs Il-Kummissjoni (T-325/16, EU:T:2018:368), jew anki fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tal-5 ta' Ottubru 2020, Casino, Guichard-Perrachon u AMC vs Il-Kummissjoni (T-249/17, EU:T:2020:458), tal-5 ta' Ottubru 2020, Intermarché Casino Achats (T-254/17, mhux ippubblikata, EU:T:2020:459), u tal-5 ta' Ottubru 2020, Les Mousquetaires u ITM Entreprises (T-255/17, EU:T:2020:460).

80 Fil-fatt, kif jirriżulta mis-sentenza tat-18 ta' Ġunju 2015, Deutsche Bahn *et* vs Il-Kummissjoni (C-583/13 P, EU:C:2015:404, punti 30 sa 36), l-eżistenza ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' legalità komplet, eżerċitat *a posteriori* abbażi tal-provi prodotti mir-rikorrenti insostenn tal-motivi invokati u li jintervjenu kemm fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' liġi kif ukoll fir-rigward tal-kwistjonijiet ta' fatt, tippermetti li tiġi kkumpensata l-assenza ta' mandat ġudizzjarju minn qabel u li tiġi żgurata l-kompatibbiltà tal-miżura ta' spezzjoni mad-dritt fundamentali għall-invjolabbiltà tad-domiċilju.

81 F'dan il-każ, dan l-istħarriġ ġudizzjarju jiġi eżerċitat fid-dawl tal-karatteristiċi essenzjali tal-koordinazzjoni ssuspettata li ġew esposti mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni kkontestata.

82 Għalhekk, fuq il-livell *ratione materiae*, il-koordinazzjoni ssuspettata tikkonċerna "b'mod partikolari prezzijiet bl-ingrossa", tinkludi "l-użu intenzjonat tal-komunikazzjonijiet pubbliċi tal-impriżi sabiex jinformaw lil xulxin dwar l-intenzjonijiet futuri u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom sabiex jinfluwenzaw il-politiki rispettivi tagħhom tal-prezzijiet" u tat lok, b'mod partikolari, għal "skambj[i ta'] informazzjoni kummerċjalment sensittiva [bejn manifatturi ta' tajers] (inkluż permezz ta' mezzi pubbliċi aċċessibbli għal kulħadd), dwar [dawn] l-intenzjonijiet u l-istrateġiji" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

83 Bl-istess mod, fuq il-livell *ratione temporis*, il-koordinazzjoni ssuspettata seħħet, "tal-inqas", matul il-perijodu prinċipali u l-perijodu preċedenti, li għalihom il-Kummissjoni semmiet is-snin korrispondenti.

84 Għandu jitfakkar ukoll li, f'din il-kawża, il-Kummissjoni kkomunikat fir-risposta spjegazzjonijiet u elementi materjali sabiex il-Qorti Ġenerali tkun tista' tiddetermina jekk hija kellhiex indizji suffiċjentement serji sabiex issostni s-suspetti tagħha u tiġġustifika l-ispezzjoni, u dan iffaċilita l-istħarriġ tal-Qorti Ġenerali.

85 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk dawn l-ispjegazzjonijiet u dawn l-elementi materjali jistgħux jitqiesu bħala suffiċjentement serji sabiex jiġġustifikaw l-ispezzjoni, għandu jitfakkar dan li ġej.

86 Minn naħa, il-kwistjoni ma hijiex jekk l-indizji korrispondenti jippermettux li tiġi stabbilita, u mhux biss li tiġi ssuspettata, l-eżistenza tal-aġir antikompetittiv issuspettat fid-dawl tal-kriterji ddefiniti mill-Artikolu 101(1) TFUE. Tali kwistjoni tkun għadha prematura, b'mod partikolari sa fejn dak li jgħodd f'dan l-istadju tal-investigazzjoni huwa li jsir magħruf jekk spezzjoni, intiża sabiex issostni s-suspetti li jistgħu jiġu dedotti minn dawn l-indizji, setgħetx tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi li kienu għadhom jistgħu jkunu neqsin sabiex jiġi stabbilit il-ksur issuspettat, u dan għalhekk ikun jiġġustifika l-indħil tal-Kummissjoni fid-dritt tar-rikorrenti għar-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha.

87 Fil-fatt, mid-distinzjoni bejn provi ta' ksur u indizji li fuqhom hija bbażata deċiżjoni li tordna spezzjoni jirriżulta li dawn tal-aħħar ma għandhomx juru l-eżistenza u l-kontenut ta' ksur, ħlief sabiex iċaħħdu minn kull utilità s-setgħat mogħtija lill-Kummissjoni mill-Artikolu 20 tar-Regolament Nru 1/2003 (ara, f'dan is-sens u b'analoġija, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2014, Cementos Portland Valderrivas vs Il-Kummissjoni, T-296/11, EU:T:2014:121, punt 59).

88 Għaldaqstant, iċ-ċirkustanza li l-elementi magħżula jistgħu jkunu s-suġġett ta' interpretazzjonijiet li ma jaqblux bejniethom ma tipprekludix li dawn jikkostitwixxu indizji suffiċjentement serji, meta l-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni tidher plawżibbli (ara, b'analoġija, għal deċiżjoni li tintalab informazzjoni, is-sentenza tal-14 ta' Marzu 2014, Cementos Portland Valderrivas vs Il-Kummissjoni, T-296/11, EU:T:2014:121, punt 59). Fl-evalwazzjoni ta' din in-natura plawżibbli, għandu jiġi kkunsidrat li s-setgħa ta' spezzjoni tal-Kummissjoni timplika s-setgħa li tfittex elementi ta' informazzjoni diversi li għadhom ma humiex magħrufa jew totalment identifikati (ara s-sentenza tal-14 ta' Novembru 2012, Nexans France u Nexans vs Il-Kummissjoni, T-135/09, EU:T:2012:596, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata), sa fejn dawn l-elementi jistgħu jkunu marbuta, wara eżami, mas-suġġett tal-ispezzjoni u mal-indizji suffiċjentement serji li fuqhom huma bbażati s-suspetti ta' ksur li jiġġustifikaw id-deċiżjoni li tordna spezzjoni.

89 Għandu jitfakkar ukoll li d-diversi indizji li jippermettu li jiġi ssuspettat ksur għandhom jiġu evalwati mhux b'mod iżolat, iżda fl-intier tagħhom, u li dawn jistgħu jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-27 ta' Novembru 2014, Alstom Grid vs Il-Kummissjoni, T-521/09, EU:T:2014:1000, punt 54 u l-ġurisprudenza ċċitata, u tad-29 ta' Frar 2016, EGL *et* vs Il-Kummissjoni, T-251/12, mhux ippubblikata, EU:T:2016:114, punt 150 u l-ġurisprudenza ċċitata).

90 Min-naħa l-oħra, għandu jiġi enfasizzat ukoll li din il-kawża taqa' fil-kuntest tal-fażi ta' investigazzjoni preliminari, jiġifieri f'mument meta l-Kummissjoni għadha ma ħaditx pożizzjoni dwar ir-realtà tal-ksur issuspettat. F'dan l-istadju, il-fatt li l-Kummissjoni wettqet spezzjoni ma jfissirx li l-impriża kkonċernata hija ħatja ta' aġir antikompetittiv u bl-ebda mod ma jippreġudika l-eżitu tal-investigazzjoni li tkun għaddejja. Għalhekk, għandu jitfakkar li r-rikorrenti tibbenefika mill-preżunzjoni ta' innoċenza u li hija l-Kummissjoni, jekk ikun il-każ, fid-deċiżjoni finali li għandha tipprova l-eżistenza tal-ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE ssuspettat fid-Deċiżjoni kkontestata.

2) Fuq il-metodu segwit sabiex jiġu identifikati d-dikjarazzjonijiet suspettużi

91 Qabel ma jiġu eżaminati l-ispjegazzjonijiet u l-elementi materjali ppreżentati mill-Kummissjoni, għandha tingħata deċiżjoni dwar l-argumenti tal-partijiet dwar il-metodoloġija użata sabiex jiġi identifikat is-settur tat-tajers.

92 Fil-fatt, għandu jitfakkar li, fil-preżentazzjoni tagħha tal-ispjegazzjonijiet u tal-elementi materjali li jippermettu li tiġi ġġustifikata d-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni ppreċiżat li l-attenzjoni mogħtija lill-koordinazzjonijiet antikompetittivi permezz ta' mezzi pubbliċi (ara l-punt 62 iktar 'il fuq) kienet wasslitha sabiex tistabbilixxi sorveljanza tas-swieq sabiex tanalizza mijiet ta' eluf ta' earnings calls f'diversi setturi u f'diversi żoni ġeografiċi sabiex tfittex dikjarazzjonijiet pubbliċi suspettużi. Il-Kummissjoni indikat f'dan ir-rigward li l-earnings calls kienu organizzati perjodikament bejn it-tmexxija ta' impriża u l-analisti, l-investituri u l-midja sabiex jiddiskutu r-riżultati finanzjarji ta' din l-impriża u li l-kontenut tagħhom riprodott fit-traskrizzjonijiet kien aċċessibbli għall-pubbliku, peress li ċerti impriżi jippubblikawhom fuq is-sit internet tagħhom, jew jistgħu jiġu kkonsultati fuq databases bi ħlas.

93 Skont il-Kummissjoni, l-analiżi li hija għamlet kienet intiża sabiex tidentifika s-sitwazzjonijiet li fihom id-diretturi ta' impriżi kompetituri kienu jużaw, b'mod partikolarment frekwenti u matul perijodu twil, espressjonijiet li jistgħu jindikaw kollużjoni. Skont ir-riżultat ta' din l-analiżi, is-settur tat-tajers huwa differenti f'dan ir-rigward minn setturi oħra minħabba n-numru għoli ta' komunikazzjonijiet pubbliċi suspettużi rrilevati mill-Kummissjoni.

94 Abbażi tal-ewwel miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Qorti Ġenerali talbet lill-Kummissjoni tippreċiża l-kontenut tal-passi li hija kienet ħadet sabiex tidentifika s-settur tat-tajers. B'dan il-mod, il-Qorti Ġenerali segwiet l-osservazzjonijiet ippreżentati b'mod parallel mir-rikorrenti fuq l-elementi kkomunikati mill-Kummissjoni fir-risposta, li skonthom l-informazzjoni trażmessa dwar l-identifikazzjoni tas-settur tat-tajers kienet eważiva ħafna u ma kinitx tippermetti li tiġi spjegata n-natura "problematika" tiegħu.

95 Bi tweġiba għal din it-talba, qabel kollox, il-Kummissjoni indikat li stabbilixxiet database komposta minn mijiet ta' eluf ta' earnings calls miksuba mingħand fornitur ta' data finanzjarja. Hija indikat ukoll li hija kienet analizzat b'mod kwantitattiv id-data ta' din id-database billi użat termini ta' tfittxija prinċipali għal perijodu twil li kien jinkludi mhux biss il-perijodu prinċipali, iżda wkoll il-perijodu preċedenti (iktar 'il quddiem il-"perijodu ta' tfittxija") sabiex tiġi identifikata l-eżistenza ta' prattiki kollużivi potenzjali u, għalhekk, is-setturi li l-earnings calls tagħhom kollha kienu ser jiġu eżaminati f'iktar dettall bħala parti minn analiżi kwalitattiva. Skont dak li indikat il-Kummissjoni, kienu ntużaw żewġ kategoriji ta' termini ta' tfittxija prinċipali: l-ewwel kategorija komposta minn kważi mitt bigramma (jiġifieri żewġ kelmiet konsekuttivi) marbuta ma' deċiżjonijiet kummerċjali strateġiċi rilevanti u t-tieni kategorija komposta minn iktar minn 400 bigramma intiża sabiex jiġu identifikati d-dikjarazzjonijiet dwar il-mod kif il-kompetituri kienu jaġixxu jew kienu ser jaġixxu fil-futur. Fit-tweġiba tagħha, il-Kummissjoni pprovdiet xi eżempji ta' bigrammi użati għal kull waħda minn dawn il-kategoriji.

96 Sussegwentement, fir-rigward tar-riżultati miksuba, il-Kummissjoni rrilevat li, għalkemm nofs it-totalità tal-earnings calls analizzati ma kien fihom l-ebda riferiment għal bigrammi li jaqgħu taħt il-kategoriji ċċitati iktar 'il fuq, l-earnings calls tal-manifatturi prinċipali ta' tajers kienu kkaratterizzati minn numru sinjifikattiv ta' komunikazzjonijiet li jinkludu mill-inqas bigramma waħda marbuta mad-deċiżjonijiet kummerċjali strateġiċi u numru sinjifikattiv ta' komunikazzjonijiet li jinkludu mill-inqas bigramma waħda marbuta mal-aġir kompetittiv. Barra

minn hekk, parti mhux negliġibbli ta' dawn l-earnings calls kienet tinsab fit-"top 5" jew fit-"top 10" tal-earnings calls tal-impriżi kollha eżaminati matul il-perijodu ta' tfittxija li spiss kienu jsemmu dawn il-bigrammi. L-earnings calls tal-manifatturi prinċipali ta' tajers kienu kkaratterizzati wkoll mill-frekwenza tal-użu tal-bigrammi li jaqgħu taħt kategorija waħda jew oħra.

97 Sabiex turi dawn ir-riżultati, il-Kummissjoni semmiet ċerti earnings calls tal-manifatturi prinċipali ta' tajers, li kollha seħħew matul il-perijodu prinċipali jew eżatt qabel, li għalihom hija indikat in-numru ta' bigrammi ċċitati, il-kategorija ta' bigrammi kkonċernata (strateġija kummerċjali jew aġir kompetittiv) u t-tqegħid ta' dawn l-earnings calls fl-ogħla livell tal-earnings calls li spiss kienu jsemmu bigrammi ta' din il-kategorija.

98 Huwa abbażi ta' dawn l-elementi li l-Kummissjoni kkunsidrat li l-manifatturi prinċipali ta' tajers kienu differenti mill-impriżi ta' setturi oħra minħabba n-numru ogħla ta' komunikazzjonijiet li jinkludu bigrammi li jistgħu jindikaw aġir kollużiv potenzjali, li sussegwentement ġew eżaminati kwalitattivament sabiex jinftiehem aħjar il-kuntest li fih jaqgħu l-bigrammi identifikati. Il-Kummissjoni ppreċiżat f'dan ir-rigward li l-analiżi kwalitattiva tal-earnings calls ta' dawn il-manifatturi prinċipali ta' tajers kienet ikkonċernat kemm l-earnings calls identifikati wara l-analiżi kwantitattiva kif ukoll l-earnings calls li din l-analiżi ma kinitx identifikat. Għalhekk, l-indikazzjonijiet preċedenti ppermettew lill-Kummissjoni tistabbilixxi r-rabta li kienet teżisti, fil-fehma tagħha, bejn aġir teoretiku kompost minn avviżi pubbliċi unilaterali u din il-kawża.

99 L-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti dwar id-deskrizzjoni tal-passi meħuda mill-Kummissjoni fl-analiżi kwantitattiva inizjali tagħha ma jippermettux li jiġu kkontestati l-metodu u r-riżultati tal-analiżi esposti iktar 'il fuq.

100 Fl-osservazzjonijiet tagħha dwar il-preċiżazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni, ir-rikorrenti tallega li l-analiżi kwantitattiva assolutament ma hijiex ta' natura li tikkaratterizza l-iċken indizju ta' kollużjoni. Hija ssostni li l-eżempji ta' bigrammi pprovduti mill-Kummissjoni bl-ebda mod ma huma problematiċi, peress li dawn il-bigrammi huma ta' spiss użati mill-industrijalisti tas-settur tat-tajers jew ta' setturi oħra, u d-dikjarazzjonijiet korrispondenti jistgħu faċilment jiġu spjegati permezz ta' informazzjoni dwar il-prodotti, is-suq jew il-perijodu inkwistjoni. Ir-rikorrenti tippreżenta f'dan ir-rigward estratti minn earnings calls ta' impriżi attivi f'setturi industrijali oħra jew ta'manifatturi oħra ta' tajers li jinkludu dikjarazzjonijiet tal-istess natura bħad-dikjarazzjonijiet kontenzjużi. Hija ssostni wkoll li jeżistu diversi ġustifikazzjonijiet għal tali dikjarazzjonijiet, bħall-implimentazzjoni ta' strateġija industrijali bbażata fuq l-innovazzjoni, l-eżistenza ta' pressjonijiet inflazzjonarji eżoġeni jew in-neċessità li jiġu indirizzati l-mistoqsijiet tal-analisti.

101 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li dawn l-osservazzjonijiet jirrigwardaw, essenzjalment, inqas l-analiżi kwantitattiva inizjali milli r-riżultati tal-analiżi kwalitattiva mwettqa sussegwentement.

102 Fil-fatt, kif tispjega l-Kummissjoni, l-analiżi kwantitattiva ppermettiet biss li jiġi identifikat is-settur tat-tajers fis-sens li, wara l-eżami tal-earnings calls li kienu jagħmlu parti mid-database tagħha, l-earnings calls tal-manifatturi prinċipali ta' tajers kienu kkaratterizzati mill-preżenza tal-inqas notevoli ta' bigramma waħda jew iktar użati bħala termini ta' tfittxija prinċipali. Issa, kif tispjega wkoll il-Kummissjoni, il-preżenza ta' bigramma f'earnings call ma kinitx fiha nnifisha suffiċjenti. Kien biss wara analiżi msejħa kwalitattiva, ikklassifikata wkoll bħala eżami manwali mill-Kummissjoni, li d-dikjarazzjoni korrispondenti ġiet ikkunsidrata bħala li tista' tindika kollużjoni potenzjali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tippreċiża li l-analiżi kwalitattiva kienet determinanti sabiex jiġu identifikati d-dikjarazzjonijiet inkwistjoni f'dan il-każ, b'mod partikolari sa fejn din ippermettitilha tifhem aħjar il-kuntest li fih jinsabu l-bigrammi u twarrab

id-dokumenti mhux rilevanti jew ukoll tidentifika dikjarazzjonijiet pubbliċi potenzjalment problematiċi tal-manifatturi prinċipali ta' tajers li l-analiżi kwantitattiva ma kinitx kapaċi tidentifika.

103 B'hekk jirriżulta li l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti jikkonċernaw essenzjalment il-kuntest li fih tidħol dikjarazzjoni inizjalment identifikata ħafna drabi b'bigramma u analizzata sussegwentement kwalitattivament sabiex tippermetti li tintlaħaq il-konklużjoni li, għall-Kummissjoni, din hija dikjarazzjoni li tista' tindika kollużjoni potenzjali. Għaldaqstant, dan l-argument ser jiġi eżaminat sussegwentement abbażi tal-evalwazzjoni tal-argumenti dwar in-natura arbitrarja tad-Deċiżjoni kkontestata, li ma humiex ibbażati fuq indizji suffiċjentement serji sabiex jiġġustifikaw is-suspetti msemmija.

104 Barra minn hekk, anki jekk jitqies, kif issostni r-rikorrenti, li l-industrijalisti ta' setturi oħra jew ta' manifatturi oħra ta' tajers setgħu jagħmlu dikjarazzjonijiet li jinkludu bigrammi li jaqgħu taħt waħda mill-kategoriji ddefiniti mill-Kummissjoni, dan madankollu ma jistax iċaħħad lill-Kummissjoni mill-possibbiltà li teżamina f'iktar dettall, kif hija tindika li għamlet fuq il-livell kwalitattiv, is-settur tat-tajers jew dawk tal-manifatturi ta' tajers li kienu l-awturi tad-dikjarazzjonijiet identifikati fi tmiem l-analiżi kwantitattiva tagħha.

3) Fuq in-natura suffiċjentement serja tal-indizji kkomunikati

105 F'dan il-kuntest, l-eżami tal-indizji kkomunikati mill-Kummissjoni u tal-osservazzjonijiet ippreżentati f'dan ir-rigward jippermetti li wieħed jasal għal żewġ konklużjonijiet dwar in-natura suffiċjentement serja tagħhom.

i) Fuq l-eżistenza ta' indizji suffiċjentement serji sabiex isostnu s-suspetti dwar koordinazzjoni tal-prezzijiet matul il-perijodu prinċipali

106 Fir-rigward tad-dritt applikabbli, qabel kollox, għandu jitfakkar li l-aġir antikompetittiv issuspettat mill-Kummissjoni jikkonsisti f'koordinazzjoni tal-prezzijiet u, b'mod iktar partikolari, "koordinazzjoni bejn il-manifatturi prinċipali ta' tajers tal-prezzijiet (b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa) għat-tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-vetturi u għat-trakkijiet fiż-ŻEE" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

107 Issa, jekk jiġi pprovat, dan it-tip ta' aġir huwa pprojbit mill-Artikolu 101(1)(a) TFUE, kemm jekk jieħu l-forma ta' ftehim bejn impriżi jew ta' prattika miftiehma, kif ukoll jekk ikollu bħala għan jew bħala effett li jitwettaq "l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju". Barra minn hekk, fid-dritt tal-Unjoni, ir-rieda komuni murija minn diversi impriżi li jiffissaw il-prezzijiet fis-suq b'mod determinat hija kkunsidrata mill-Kummissjoni bħala waħda mill-iktar effetti ħżiena serji fuq il-kompetizzjoni.

108 Minbarra dan, fuq il-livell fattwali, għandu jiġi kkonstatat li, kif esponiet ġustament il-Kummissjoni, ċerti dikjarazzjonijiet magħmula mill-manifatturi prinċipali ta' tajers li huma s-suġġett tal-investigazzjoni tagħha fl-okkażjoni tal-earnings calls tagħhom kif ukoll fl-okkażjoni ta' avviżi dwar il-prezz tat-tajers jew il-prezz tal-materji primi, li kollha saru matul il-perijodu prinċipali, kienu jikkostitwixxu indizji suffiċjentement serji sabiex isostnu s-suspetti dwar il-koordinazzjoni ssuspettata matul dan il-perijodu.

– *Fuq id-dikjarazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni*

109 L-eżami tad-diversi dikjarazzjonijiet enfasizzati mill-Kummissjoni f'diversi earnings calls li saru matul parti minn sena tal-perijodu prinċipali jippermetti li jiġi kkonstatat li diversi manifatturi ta' tajers kienu esprimew pubblikament l-intenzjonijiet u l-istrateġiji tariffarji rispettivi tagħhom.

110 B'hekk, fil-preżentazzjoni tagħha tal-ispjegazzjonijiet u tal-elementi materjali li jippermettu li tiġi ġġustifikata d-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni indikat li, wara l-eżami ta' numru sinjifikattiv ta' traskrizzjonijiet ta' earnings calls u ta' preżentazzjonijiet li joriġinaw mill-manifatturi prinċipali ta' tajers fiż-ŻEE, fosthom ir-rikorrenti, hija kienet waslet għall-konklużjoni li ċertu numru ta' dikjarazzjonijiet magħmula minn dawn il-manifatturi kienu suspettużi, sa fejn dawn kienu regolarment esprimew ruħhom pubblikament dwar il-mod kif il-kompetituri tagħhom kellhom jiddeterminaw il-prezzijiet tagħhom, dwar ir-rieda tagħhom li jaġixxu fis-suq bħala leader jew segwaċi fil-qasam tal-prezzijiet u dwar il-mod kif jirreaġixxu għall-bidliet fil-prezzijiet tal-kompetituri tagħhom.

111 Sabiex turi dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Kummissjoni kkomunikat żewġ sensiliet ta' earnings calls li seħħew matul parti minn sena tal-perijodu prinċipali. Għal kull wieħed minn dawn l-earnings calls, il-Kummissjoni enfasizzat il-kontenut preċiż tad-dikjarazzjonijiet li jidhrulha rilevanti bħala bażi tas-suspetti tagħha. Il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll li hija qieset li dan it-tip ta' dikjarazzjonijiet ma kienx jissodisfa rekwiżit legali u li, b'paragun, l-eżami tal-earnings calls ta' impriżi li joperaw f'setturi oħra kien jikkonferma li r-regolarità li biha l-manifatturi ta' tajers kienu jagħmlu tali dikjarazzjonijiet ma kinitx tikkorrispondi għal aġir standard.

112 Sussegwentement, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali dwar id-dimensjoni *ratione temporis* tal-koordinazzjoni ssuspettata, il-Kummissjoni kkomunikat earnings calls oħra kif ukoll preżentazzjoni. Dawn id-dokumenti kkompletaw l-earnings calls ikkomunikati preċedentement mar-risposta billi koprew il-parti l-oħra tas-sena tal-perijodu prinċipali previst (ara l-punt 111 iktar 'il fuq). Għal kull wieħed minn dawn id-dokumenti, il-Kummissjoni enfasizzat il-kontenut preċiż tad-dikjarazzjonijiet li jidhrulha rilevanti bħala bażi tas-suspetti tagħha fir-rigward tas-sena inkwistjoni.

113 Il-Kummissjoni tirreferi, f'dan ir-rigward, għal dikjarazzjonijiet li jibdew bil-kliem "irridu nibagħtu sinjal" ("we want to send a signal"), "għandna l-intenzjoni li" ("we have a plan to"), "l-istrateġija hija li niffokaw fuq" ("the strategy is to focus on"); "qegħdin naħdmu sabiex inżommu ma'" ("we strive to stick to"); "ser nagħmlu mill-aħjar sabiex" ("we will do our best to"); "aħna kapaċi li" ("we are able to"), kif ukoll "ma hijiex l-intenzjoni tagħna li nimxu lejn" ("not our intention to go for") u li, fil-fehma tagħha, intużaw mill-manifatturi ta' tajers li kienu qegħdin jiġu investigati sabiex iħabbru pubblikament aġir li kien għadu kemm ġie adottat jew li kien ser jiġi implimentat jew anki, xi drabi, sabiex jissuġġerixxu lill-kompetituri li jadottaw tali aġir.

114 Fil-preżenza ta' tali dikjarazzjonijiet dwar il-perijodu prinċipali, il-Kummissjoni kellha d-dritt li tissuspetta li kien tal-inqas plawżibbli, fis-sens li kien raġonevolment previst, li dawn id-dikjarazzjonijiet pubbliċi unilaterali seta' kellhom l-għan li jibagħtu sinjal lill-kompetituri prinċipali sabiex l-indikazzjonijiet li dawn kienu jinkludu f'dak li jirrigwarda l-intenzjonijiet u l-istrateġiji tariffarji tal-manifatturi inkwistjoni jiġu riprodotti jew jittieħdu inkunsiderazzjoni.

– *Fuq l-elementi l-oħra ppreżentati mill-Kummissjoni*

115 Kif issostni ġustament il-Kummissjoni, kien ukoll plawżibbli li jiġi kkunsidrat li s-suspetti li rriżultaw mid-dikjarazzjonijiet identifikati wara analiżi kwalitattiva kienu kkorroborati mill-osservazzjonijiet tagħha magħmula wara l-eżami ta' ċerti avviżi dwar il-prezzijiet tat-tajers jew dwar l-iżvilupp ta' tnaqqis jew ta' żieda fil-prezz tal-materja prima u tal-enerġija.

116 Minn naħa, fil-fatt, il-Kummissjoni ppreċiżat li hija eżaminat l-avviżi tal-prezzijiet tal-manifatturi prinċipali ta' tajers matul il-perijodu kkonċernat u kkonstatat li dawn ta' spiss kienu seħħew f'dati viċini. Sabiex turi dawn l-affermazzjonijiet, il-Kummissjoni ppreżentat diversi komunikazzjonijiet li rriżultaw minn sit internet speċjalizzat li kienu jirreferu għall-avviżi ċċitati iktar 'il fuq, li kienu seħħew fl-istess mument matul il-perijodu prinċipali.

117 Min-naħa l-oħra, abbażi ta' analiżi tal-evoluzzjoni tal-prezzijiet tal-materja prima u tal-enerġija, il-Kummissjoni nnotat l-eżistenza ta' allinjament tad-dikjarazzjonijiet tal-manifatturi meta l-prezzijiet tal-materja prima u tal-enerġija nbidlu. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonstatat li l-earnings calls ta' diversi manifatturi kienu jinkludu dikjarazzjonijiet simili li kienu jindikaw li l-prezzijiet tat-tajers kellhom jiżdiedu meta seħħet żieda fil-prezzijiet tal-materja prima u tal-enerġija. Bl-istess mod, il-Kummissjoni kkonstatat li, meta l-prezzijiet tal-materji primi u tal-enerġija kienu jonqsu, il-manifatturi kienu jifformulaw dikjarazzjonijiet li kienu jindikaw li kellu jiġi evitat tnaqqis fil-prezz. Sabiex turi dawn l-affermazzjonijiet, il-Kummissjoni pproduċiet żewġ earnings calls li seħħew fil-bidu ta' sena tal-perijodu prinċipali u, enfasizzat, għal kull wieħed minnhom, il-kontenut preċiż tad-dikjarazzjonijiet li kien jidhrilha rilevanti bħala bażi ta' dawn il-konstatazzjonijiet. Il-Kummissjoni rreferiet ukoll għal preżentazzjoni magħmula fil-kuntest ta' earnings call sabiex tindika l-evoluzzjoni tal-prezzijiet ta' ċerti materjali, b'mod partikolari matul ċerti snin tal-perjodu prinċipali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrilevat li, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-prezzijiet tal-materja prima kienu żdiedu b'mod sostanzjali. F'dan il-kuntest, il-komunikazzjonijiet tal-impriżi kienu jirrigwardaw iż-żieda rapida tal-prezzijiet, kif muri minn żewġ earnings calls, li saru matul sena tal-perijodu prinċipali, li fir-rigward tagħhom il-Kummissjoni enfasizzat il-kontenut preċiż tad-dikjarazzjonijiet li kien jidhrilha rilevanti bħala bażi tal-konstatazzjoni ċċitata iktar 'il fuq.

– *Fuq l-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti*

118 L-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti fuq id-dikjarazzjonijiet enfasizzati mill-Kummissjoni u l-elementi l-oħra li hija tinvoka ma jikkontestawx l-evalwazzjonijiet tal-Kummissjoni, peress li dawn l-osservazzjonijiet jibqgħu ġenerali wisq jew huma bbażati fuq l-idea li l-Kummissjoni għandu jkollha provi tal-ksur issuspettat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-31 ta' Marzu 1993, Ahlström Osakeyhtiö *et* vs Il-Kummissjoni, C-89/85, C-104/85, C-114/85, C-116/85, C-117/85 u C-125/85 sa C-129/85, EU:C:1993:120, punti 70 u 71 u l-ġurisprudenza ċċitata) u mhux biss, f'dan l-istadju, indizji suffiċjentement serji.

119 Fil-fatt, l-ewwel nett, sabiex issostni li d-dikjarazzjonijiet iċċitati mill-Kummissjoni ma jikkostitwixxux indizji suffiċjentement serji tal-eżistenza tal-koordinazzjoni ssuspettata, ir-rikorrenti ssostni li dawn huma dikjarazzjonijiet normali u regolari fis-settur tat-tajers bħal f'setturi industrijali oħra.

120 Issa, għandu jiġi kkonstatat li, anki jekk jitqies li dikjarazzjonijiet tal-istess natura u daqstant regolari bħal dawk osservati fl-earnings calls ikkomunikati jistgħu jiġu identifikati f'earnings calls ta' manifatturi oħra ta' tajers jew ta' industrijalisti ta' setturi oħra, dan ma jistax iċaħħad lill-Kummissjoni mill-possibbiltà li tivverifika s-suspetti li jirriżultaw mill-indizji suffiċjentement serji għad-dispożizzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-manifatturi ta' tajers li hija identifikat.

121 It-tieni nett, ir-rikorrenti tirrileva li l-estratti tal-earnings calls iċċitati mill-Kummissjoni jirriżultaw kollha mid-dikjarazzjonijiet magħmula waqt il-parti ta' dawn l-earnings calls li kienet tikkorrispondi għas-sessjoni tal-mistoqsijiet u tweġibiet. Għaldaqstant, tali dikjarazzjonijiet ma humiex spontanji, iżda huma tweġiba għat-talbiet ta' analisti finanzjarji, li jirrappreżentaw banek tan-negozju u mhux il-kompetituri. Impriża li tipparteċipa f'earnings call u fis-sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet tagħha hija mistennija tippreżenta u tispjega ruħha dwar il-perspettivi tagħha fid-dawl tal-kuntest makroekonomiku. Tali dikjarazzjonijiet jissodisfaw ukoll, tal-inqas għal dak li jikkonċerna l-kumpanniji stabbiliti fi Franza, rekwiżit legali ta' trasparenza, li jeħtieġ li tiġi kkomunikata b'mod permanenti lis-swieq kull informazzjoni li ma tkunx saret pubblika u li, kieku kellha tkun hekk, tkun tista' tinfluwenza l-prezz tal-borża tal-impriża kkonċernata.

122 F'dan ir-rigward, minn naħa, għandu jiġi indikat li l-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni tad-dikjarazzjonijiet inkwistjoni ma tikkontestax id-dritt tal-impriżi li jorganizzaw earnings calls bħala tali. Din l-interpretazzjoni lanqas ma tippreġudika, fil-kuntest ta' din il-kawża, rekwiżit legali fil-qasam tat-trasparenza finanzjarja. Fil-fatt, din l-interpretazzjoni hija bbażata pjuttost fuq l-idea li, għalkemm l-impriżi jistgħu jorganizzaw earnings calls u għandhom josservaw ir-rekwiżiti legali fil-qasam tal-komunikazzjonijiet finanzjarji, huma ma jistgħux madankollu jużaw l-earnings calls sabiex iwettqu dak li l-Kummissjoni tissuspetta li hija prattika kollużorja possibbli. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha d-dritt tikkunsidra li l-ebda neċessità li tingħata tweġiba għall-mistoqsijiet tal-analisti u l-ebda obbligu legali fil-qasam tat-trasparenza finanzjarja ma tawtorizza lill-impriżi kkonċernati jiftiehmu sabiex iwettqu "l-iffissar dirett jew indirett tal-prezzijiet ta' l-akkwist jew tal-bejgħ, jew ta' kondizzjonijiet oħra tan-negozju" fis-sens tal-Artikolu 101(1)(a) TFUE.

123 Min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk id-dikjarazzjonijiet inkwistjoni jistgħux jiġu spjegati, mhux mill-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni, iżda mill-interpretazzjonijiet l-oħra proposti mir-rikorrenti, jiġifieri n-neċessità speċifika li tingħata tweġiba għal mistoqsija ta' analista jew ir-rekwiżit globali li wieħed ikun trasparenti fil-qasam tal-komunikazzjonijiet finanzjarji, għandu jiġi kkonstatat li tali kwistjoni hija prematura f'dan l-istadju tal-investigazzjoni. F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-allegazzjoni tar-rikorrenti li d-dikjarazzjonijiet inkwistjoni, b'mod partikolari dawk li l-Kummissjoni tqis li jikkonċernaw il-mod kif il-kompetituri kellhom jiddeterminaw il-prezzijiet tagħhom, il-mod kif jaġixxu bħala mexxejja jew segwaċi fir-rigward tal-prezzijiet jew il-mod kif il-manifattur inkwistjoni rreaġixxa għall-bidliet fil-prezzijiet tal-kompetituri, jirriżultaw min-neċessità li tingħata tweġiba għall-mistoqsijiet tal-analisti jew jissodisfaw rekwiżiti leġiżlattivi ma hijiex biżżejjed sabiex tiġi kkontestata n-natura plawżibbli tal-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika d-Deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 87 iktar 'il fuq).

124 It-tielet nett, ir-rikorrenti ssostni li d-dikjarazzjonijiet iċċitati mill-Kummissjoni jinkludu biss indikazzjonijiet ġenerali dwar l-ambjent kompetittiv tas-settur tat-tajers, b'riferimenti għall-pressjoni fuq il-prezzijiet u għall-kuntest inflazzjonarju, u dwar il-politika tariffarja tagħha, marbuta mal-"pożizzjoni premium" tagħha. L-ewwel indikazzjonijiet huma ġenerali u magħrufa. Dawn jikkonċernaw fatturi eżoġeni, magħrufa mill-analisti li jippruvaw jiddeterminaw il-konsegwenzi tagħhom fuq il-prestazzjoni ekonomika tal-impriżi. It-tieni sempliċement

jirrepetu l-pożizzjoni ċara tar-rikorrenti għal diversi snin. Barra minn hekk, id-dikjarazzjonijiet dwar l-iżviluppi tal-prezzijiet tal-kompetituri huma biss ir-riflessjoni tar-razzjonalità ekonomika ta' kull impriża u l-manifestazzjoni tal-kompetizzjoni normali. Dan jispjega wkoll l-osservazzjonijiet dedotti mill-Kummissjoni mill-avviżi dwar il-prezzijiet tat-tajers u l-prezzijiet tal-input.

125 Minn dan isegwi li r-rikorrenti stess tirrikonoxxi li dak li hija tippreżenta sabiex tikkontesta n-natura plawżibbli tal-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni tikkonsisti f'li ssostni li jeżistu "ġustifikazzjonijiet kredibbli oħra" minbarra dik adottata f'dan l-istadju mill-Kummissjoni sabiex tispjega l-kontenut tad-dikjarazzjonijiet li hija tiċċita.

126 Issa, fid-dawl tal-kontenut tad-dikjarazzjonijiet pubbliċi meħuda inkunsiderazzjoni (ara l-punt 113 iktar 'il fuq), li skont l-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni jindika koordinazzjoni fuq il-prezzijiet tat-tajers, kif ukoll id-diversi elementi ppreżentati sabiex jikkorroboraw is-suspetti li rriżultaw minn dawn id-dikjarazzjonijiet, kien plawżibbli li jiġi kkunsidrat li l-koordinazzjoni ssuspettata setgħet teżisti u li għalhekk kien hemm lok li ssir verifika.

127 F'dan il-kuntest, l-eżami tal-ġustifikazzjonijiet kredibbli l-oħra mressqa mir-rikorrenti jsir fi stadju ulterjuri, jekk jirriżulta li s-suspetti tal-Kummissjoni huma kkonfermati mir-riżultati tal-verifiki tagħha. Bħala tali, dawn l-ispjegazzjonijiet l-oħra ma humiex suffiċjenti sabiex tiġi eskluża l-plawżibbiltà tal-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni.

128 Ir-raba' nett, wara mistoqsijiet magħmula mir-rikorrent, fid-dawl b'mod partikolari tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata (ara l-punt 47 iktar 'il fuq), għandu jitfakkar li, bi tweġiba għall-ewwel miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, il-Kummissjoni pprovdiet preċiżazzjonijiet dwar l-interpretazzjoni tagħha tal-indizji għad-dispożizzjoni tagħha f'dak li jirrigwarda l-perimetru tal-prezzijiet ikkonċernati mill-koordinazzjoni ssuspettata.

129 Fuq dan il-punt, il-Kummissjoni indikat li l-investigazzjoni tagħha kienet tikkonċentra fuq l-informazzjoni dwar l-intenzjonijiet futuri u l-istrateġiji tariffarji kkomunikati mill-manifatturi prinċipali ta' tajers b'mod partikolari permezz tal-earnings calls tagħhom.

130 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni indikat li hija osservat li, fil-kuntest tal-earnings calls, il-manifatturi prinċipali ta' tajers spiss kienu jirreferu għall-"prezzijiet bl-ingrossa" (sell-in prices jew wholesale prices), li huma l-ewwel prezzijiet applikati fil-katina tal-valur. Dawn huma tipikament prezzijiet li l-manifatturi tat-tajers jistabbilixxu meta t-tajers jitilqu mill-fabbrika tagħhom. Il-Kummissjoni ppreċiżat ukoll li hija rrilevat, f'dan l-istess kuntest, riferimenti regolari għas-sell-out prices, jiġifieri l-prezzijiet applikati downstream fil-katina tal-valur.

131 Sabiex turi dawn l-affermazzjonijiet, il-Kummissjoni ppreżentat żewġ earnings calls ta' kompetituri tar-rikorrenti, li seħħew, fir-rigward tal-ewwel waħda, matul il-perijodu prinċipali u, fir-rigward tat-tieni waħda, qabel il-perijodu prinċipali, mingħajr madankollu ma kienet marbuta mal-perijodu preċedenti. Mid-dikjarazzjonijiet estratti minn dawn l-earnings calls enfasizzati mill-Kummissjoni jirriżulta li s-sitwazzjoni tal-prezzijiet, tal-inventarji jew tal-ishma mis-suq tissemma kemm fir-rigward tal-bejgħ imwettaq mal-ħruġ mill-fabbrika kif ukoll fir-rigward tal-bejgħ imwettaq mal-ħruġ mid-distributur.

132 F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni ppreċiżat li hija kkunsidrat li l-prezzijiet kollha mitluba tul il-katina tal-valur kienu rilevanti fil-kuntest tal-ispezzjoni ordnata sabiex jiġu vverifikati s-suspetti tagħha dwar il-koordinazzjoni ssuspettata. Hija tosserva, f'dan ir-rigward, li d-dikjarazzjonijiet magħmula fil-kuntest tal-earnings calls jirriflettu l-gwidi mogħtija mill-ogħla livell tat-tmexxija tal-manifatturi kkonċernati dwar l-intenzjonijiet futuri tagħhom u l-istrateġiji tariffarji tagħhom. Dawn il-gwidi ġenerali jistgħu, bħala tali, jiġu adottati tul il-katina tal-valur kollha. Fil-fatt, skont il-Kummissjoni, dawn id-dikjarazzjonijiet jikkonċernaw kemm il-gwidi għaż-żieda fil-prezzijiet jew iż-żamma tagħhom f'ċertu livell kif ukoll strateġija bbażata fuq il-prezz iktar milli fuq il-kompetizzjoni permezz tal-volumi. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni ssostni li d-dikjarazzjonijiet inkwistjoni jistgħu jkunu rilevanti kemm għad-determinazzjoni tal-prezzijiet bl-ingrossa kif ukoll għad-determinazzjoni tal-prezzijiet bl-imnut.

133 Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li l-manifatturi prinċipali tat-tajers fl-Ewropa huma ġeneralment integrati vertikalment u għalhekk huma attivi kemm fil-livell tal-manifattura tat-tajers kif ukoll fil-livell tas-suq tal-bejgħ bl-imnut. Għaldaqstant, huma għandhom interess li jiżguraw li ż-żidiet fil-prezz fil-livell tas-suq bl-ingrossa jkollhom effett fuq il-prezzijiet bl-imnut downstream sabiex jiġu ggarantiti l-għanijiet tal-marġni tul il-katina tal-valur. Skont il-Kummissjoni, għalhekk ma setax jiġi eskluż li l-istrateġiji tariffarji kkomunikati fl-earnings calls inkwistjoni kellhom jiġu implimentati downstream sabiex jintlaħaq ir-riżultat mixtieq.

134 F'dan ir-rigward, fl-osservazzjonijiet tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-preċiżazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni kellhom jidhru fid-Deċiżjoni kkontestata. B'mod iktar ġenerali, ir-rikorrenti tosserva wkoll li, fir-rigward tas-sell-in prices u tas-sell-out prices, id-dikjarazzjonijiet iċċitati mill-Kummissjoni ma jistgħux, mid-definizzjoni tagħhom, jikkostitwixxu indizji suffiċjentement serji għal raġunijiet differenti, relatati, pereżempju, mal-fatt li d-dikjarazzjonijiet inkwistjoni jirreferu għal deċiżjonijiet sodi ta' bidla fil-prezzijiet, li dawn id-dikjarazzjonijiet huma ġenerali u impreċiżi jew li, fir-rigward tas-sell-out prices, il-prezzijiet kollha tal-bejgħ bl-imnut tat-tajers huma informazzjoni pubblika faċilment aċċessibbli.

135 Madankollu, għandu jiġi rrilevat li, billi indikat li l-koordinazzjoni ssuspettata kienet tirrigwarda "il-koordinazzjoni bejn il-manifatturi prinċipali ta' tajers tal-prezzijiet (b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa)" [traduzzjoni mhux uffiċjali], il-Kummissjoni użat formulazzjoni li tikkorrispondi għall-kontenut tal-indizji għad-dispożizzjoni tagħha, li huma suffiċjentement serji sabiex jiġġustifikaw is-suspetti fir-rigward ta' prattika kollużiva potenzjali li tirriżulta minn ċerti dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula mill-manifatturi ta' tajers imsemmija fid-Deċiżjoni kkontestata fil-kuntest tal-earnings calls tagħhom.

136 Issa, skont il-preċiżazzjonijiet magħmula mill-Kummissjoni fl-istadju tal-verifika mill-qorti tal-Unjoni tal-kontenut ta' dawn l-indizji, li huma kkonfermati mill-indikazzjoni, mogħtija mir-rikorrenti waqt is-seduta, li parti mill-bejgħ tagħha ta' tajers ġodda ta' sostituzzjoni fi ħdan iż-ŻEE titwettaq fil-livell tal-bejgħ bl-imnut, kien plawżibbli għall-Kummissjoni li tqis li s-suspetti u l-indizji suffiċjentement serji għad-dispożizzjoni tagħha kienu jkopru l-katina ta' valur kollha msemmija waqt l-earnings calls u mhux biss jew eskluživament il-bejgħ imwettaq bil-prezzijiet bl-ingrossa.

137 F'dan il-kuntest, l-eżami tad-diversi spjegazzjonijiet imressqa mir-rikorrenti jseħħ fi stadju ulterjuri jekk jirriżulta li s-suspetti tal-Kummissjoni huma kkonfermati mir-riżultati tal-verifiki tagħha. Bħala tali, dawn l-ispjegazzjonijiet l-oħra ma humiex suffiċjenti f'dan il-każ, fl-istadju

tal-istħarriġ ġudizzjarju tad-Deċiżjoni kkontestata, sabiex tiġi eskluża l-plawżibbiltà tal-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni fuq il-perimetru tal-kunċett ta' prezz li huwa invokat f'din id-deċiżjoni sabiex tiġġustifika l-verifika.

138 Bħala konklużjoni, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fid-dawl tal-kontenut tad-diversi dikjarazzjonijiet pubbliċi kkomunikati kif ukoll tad-diversi elementi ppreżentati sabiex jikkorroboraw is-suspetti li rriżultaw minn dawn id-dikjarazzjonijiet, hija fondata l-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni, li skontha dawn l-indizji meħuda flimkien kienu jippermettu li jitqies li kien plawżibbli li l-manifatturi prinċipali ta' tajers imsemmija fid-Deċiżjoni kkontestata kienu kkoordinaw il-prezzijiet tagħhom ta' tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-karozzi u għat-trakkijiet fi ħdan iż-ŻEE matul il-perijodu prinċipali, mingħajr ma jista' jiġi eskluż li din il-koordinazzjoni possibbli kienet bdiet iktar kmieni u li kienet għadha għaddejja fil-mument tal-ispezzjoni.

139 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li l-ilment ibbażat fuq in-natura arbitrarja tad-Deċiżjoni kkontestata jiġi miċħud bħala infondat minħabba li s-suspetti li jikkorrispondu għall-perijodu prinċipali, fis-sens iddefinit mill-ewwel sentenza tal-premessa 4, ma humiex sostnuti minn indizji suffiċjentement serji.

ii) Fuq l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji sabiex isostnu s-suspetti dwar koordinazzjoni tal-prezzijiet matul il-perijodu preċedenti

140 Fir-rigward tal-perijodu preċedenti u wara mistoqsija tal-Qorti Ġenerali dwar id-dimensjoni *ratione temporis* tal-koordinazzjoni ssuspettata, għandu jiġi rrilevat li l-Kummissjoni tirrikonoxxi, kif ikkonfermat waqt is-seduta, li hija ma kkomunikatx lill-Qorti Ġenerali indizji kontemporanji għal dan il-perijodu.

141 Dan l-element huwa rilevanti għall-evalwazzjoni, peress li, kif tosserva r-rikorrenti, mill-ispjegazzjonijiet ikkomunikati mill-Kummissjoni jirriżulta li l-perijodu ta' tfittxija użat għall-analiżi kwantitattiva tal-mijiet ta' eluf ta' earnings calls li hija kisbet huwa twil biżżejjed sabiex jinkludi kemm il-perijodu prinċipali kif ukoll il-perijodu preċedenti (ara l-punti 95 sa 98 iktar 'il fuq).

142 Għalhekk, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tidentifika ċerti earnings calls għal dak li jirrigwarda l-perijodu prinċipali miż-żewġ kategoriji ta' bigrammi li hija kienet iddefinixxiet u mill-analiżi kwalitattiva mwettqa sussegwentement, hija ma indikatx li hija setgħet tidentifika tali earnings calls għal dak li jirrigwarda l-perijodu preċedenti. Issa, fid-dawl tan-numru u tad-diversità tal-bigrammi użati għall-analiżi kwantitattiva, jista' jiġi kkunsidrat li, li kieku kien hemm earnings calls rilevanti fir-rigward tal-perijodu preċedenti, dawn kienu jiġu identifikati bl-istess mod bħal dawk li kienu jikkonċernaw il-perijodu prinċipali. Madankollu, il-Kummissjoni ma bagħtet lill-Qorti Ġenerali l-ebda spjegazzjoni dwar dan il-punt u lanqas dokument korrispondenti, minkejja li hija kienet intalbet tipproduċi, fil-forma li hija kienet tqis xierqa għall-finijiet tal-prova marbuta man-natura suffiċjentement serja tal-indizji għad-dispożizzjoni tagħha, id-diversi elementi li għalihom hija kienet qiegħda tirreferi fit-tieni sentenza tal-premessa 4 tad-Deċiżjoni kkontestata li ssemmi l-perijodu preċedenti.

143 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali għandha tieħu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx f'pożizzjoni li tippreżentalha, kif setgħet tagħmel fir-rigward tal-perijodu prinċipali, dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula mill-manifatturi prinċipali ta' tajers u magħmula fl-okkażjoni ta' earnings calls li saru matul il-perijodu preċedenti.

144 Barra minn hekk, fir-rigward tal-indizji li jikkorrispondu għas-suspetti msemmija fid-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda l-perijodu preċedenti, il-Kummissjoni ssostni li l-attenzjoni tagħha kienet inġibdet fuq dan il-perijodu minn diversi earnings calls li seħħew wara dan il-perijodu.

145 Skont dak li indikat il-Kummissjoni f'dan ir-rigward, dawn l-earnings calls wara l-perijodu preċedenti kienu jsemmu dan il-perijodu fil-kuntest ta' kummenti min-naħa tal-manifatturi prinċipali ta' tajers imsemmija fid-Deċiżjoni kkontestata f'dak li jirrigwarda r-riperkussjoni taż-żidiet fil-prezzijiet tal-materja prima.

146 B'hekk, il-Kummissjoni rreferiet għal dikjarazzjoni pubblika magħmula minn kompetitur fil-kuntest ta' earnings call, li seħħet matul il-perijodu prinċipali, li tirreferi għal "ċiklu [li jikkorrispondi għall-perijodu preċedenti]". Skont din id-dikjarazzjoni, it-telf tal-profitti marbut maż-żieda fl-ispejjeż tal-materja prima kien is-suġġett ta' rkupru totali fis-sena ta' wara dan iċ-ċiklu.

147 Earnings calls oħra, ikkomunikati mill-Kummissjoni, kienu jirreferu wkoll għall-perijodu preċedenti. Dawn l-earnings calls seħħew, fir-rigward ta' tlieta minnhom, matul snin preċedenti qrib il-perijodu prinċipali, u, fir-rigward ta' erbgħa minnhom kif ukoll preżentazzjoni, matul il-perijodu prinċipali. Skont il-kontenut ta' dawn id-dikjarazzjonijiet, enfasizzat mill-Kummissjoni, il-manifatturi prinċipali ta' tajers ikkonċernati qabblu s-sitwazzjoni li dak iż-żmien kienet attwali ma' dik li kienu esperjenzaw, kull wieħed għal dak li kien jikkonċernah, f'mument meta s-suq kien ġarrab żidiet sinjifikattivi fir-rigward tal-materja prima.

148 Skont il-Kummissjoni, dawn ir-riferimenti jistgħu jikkostitwixxu indizju ta' koordinazzjoni matul il-perijodu preċedenti, li hija ħaġa li r-rikorrenti tikkontesta fl-osservazzjonijiet tagħha fuq dan il-punt.

149 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li d-dikjarazzjonijiet imsemmija mill-Kummissjoni sabiex tikkonferma l-eżistenza ta' indizji suffiċjentement serji sabiex jiġu stabbiliti s-suspetti ta' koordinazzjoni invokati fid-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-perijodu preċedenti ma humiex tal-istess natura bħal dawk eżaminati f'dak li jirrigwarda l-perijodu prinċipali. Din il-konstatazzjoni ġiet ikkonfermata mill-Kummissjoni waqt is-seduta.

150 Fil-fatt, minkejja li l-koordinazzjoni ssuspettata mill-Kummissjoni hija bbażata fuq l-idea li l-manifatturi prinċipali ta' tajers kienu jinformaw lil xulxin dwar l-intenzjonijiet u l-istrateġiji tariffarji futuri rispettivi tagħhom u li l-indizji kkomunikati fir-rigward tal-perijodu prinċipali kienu jsemmu dikjarazzjonijiet pubbliċi li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex tiġi stabbilita tali koordinazzjoni, id-diversi dikjarazzjonijiet ippreżentati fir-rigward tal-perijodu preċedenti ma kinux isemmu intenzjonijiet futuri jew strateġiji tariffarji rispettivi li setgħu jiġu implimentati matul dan il-perijodu.

151 Fil-fatt, minn dawn id-dikjarazzjonijiet, pereżempju mill-iktar waħda antika ċċitata mill-Kummissjoni, jirriżulta li l-manifattur inkwistjoni jfakkar lill-interlokuturi tiegħu li ma hijiex l-ewwel darba li l-prezz tal-materja prima żdied u li, fil-passat, huwa seta' jgħaddi din iż-żieda. Il-koordinazzjoni li dikjarazzjoni pubblika dwar ir-riperkussjoni ta' żieda tista' timplika, skont l-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni, madankollu tapplika biss għall-futur. F'dan il-każ, il-Kummissjoni ma tipprovdix indizji li jippermettu li jiġi kkunsidrat li, matul il-perijodu preċedenti, fil-mument li fih il-prezz tal-materja prima żdied ukoll b'mod sinjifikattiv,

il-manifatturi prinċipali ta' tajers ikkoordinaw ruħhom b'mod analogu għal dak iddokumentat sussegwentement fir-rigward tal-perijodu prinċipali jew b'mod ieħor minn dak li suppost kienu ser jużaw matul dan il-perijodu prinċipali.

152 Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma pprovdiet l-ebda element lill-Qorti Ġenerali li jippermetti li jiġi previst tip ieħor ta' koordinazzjoni minn dak issuspettat f'dan il-każ.

153 Bħala konklużjoni, mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, minn naħa, fid-dawl tal-assenza ta' elementi rilevanti kontemporanji għall-perijodu preċedenti, minkejja li dan kien is-suġġett tal-perijodu ta' tfittxija użat mill-Kummissjoni waqt l-analiżi kwantitattiva tagħha (ara l-punt 95 iktar 'il fuq), u, min-naħa l-oħra, fid-dawl tal-assenza ta' elementi rilevanti oħra li jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' koordinazzjoni possibbli matul il-perijodu preċedenti, l-interpretazzjoni ppreferuta mill-Kummissjoni, li tgħid li kien plawżibbli li l-manifatturi prinċipali ta' tajers imsemmija fid-Deċiżjoni kkontestata kkoordinaw il-prezzijiet tagħhom ta' tajers ġodda ta' sostituzzjoni għall-karozzi u għat-trakkijiet fi ħdan iż-ŻEE matul il-perijodu preċedenti, ma hijiex stabbilita b'mod suffiċjenti.

154 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jitqies fondat l-ilment ibbażat fuq in-natura arbitrarja tad-Deċiżjoni kkontestata minħabba li s-suspetti li jikkorrispondu għall-perijodu preċedenti, fis-sens iddefinit mit-tieni sentenza tal-premessa 4, ma humiex sostnuti minn indizji suffiċjentement serji. Għaldaqstant, id-Deċiżjoni kkontestata għandha tiġi parzjalment annullata fuq dan il-punt.

4. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq in-natura sproporzjonata tad-Deċiżjoni kkontestata

155 Ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata ma tosservax il-prinċipju ta' proporzjonalità għar-raġunijiet li ġejjin: l-assenza ta' riskju għall-provi, l-ostakolu eċċessiv għall-funzjonament tajjeb tal-impriża, l-iżvelar eċċessiv ta' deċiżjonijiet li jordnaw spezzjoni u l-użu possibbli ta' miżura inqas oneruża, jiġifieri t-talba għal informazzjoni.

156 Preliminarjament, għandu jitfakkar li l-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni, jeħtieġ li l-atti tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma jaqbżux il-limiti ta' dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan imfittex, filwaqt li, meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u l-inkonvenjenzi maħluqa ma għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija (ara s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

157 Fir-rigward ta' deċiżjoni li tordna spezzjoni, l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità tippreżumi li l-miżura prevista ma toħloqx inkonvenjenzi sproporzjonati u intollerabbli meta mqabbla mal-għan imfittex. B'mod partikolari, l-għażla li għandha ssir mill-Kummissjoni bejn talba għal informazzjoni u spezzjoni ordnata permezz ta' deċiżjoni ma tiddependix minn ċirkustanzi bħall-gravità partikolari tas-sitwazzjoni, l-urġenza estrema jew in-neċessità ta' diskrezzjoni assoluta, iżda min-neċessitajiet ta' investigazzjoni adegwata, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-każ partikolari. Għaldaqstant, meta deċiżjoni li tordna spezzjoni tkun intiża biss sabiex tippermetti lill-Kummissjoni tiġbor l-elementi neċessarji sabiex tevalwa l-eżistenza possibbli ta' ksur tat-Trattat, tali deċiżjoni ma tiksirx il-prinċipju ta' proporzjonalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

158 Hija l-Kummissjoni li għandha, bħala prinċipju, tevalwa jekk informazzjoni hijiex neċessarja sabiex ikun jista' jinkixef ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u, anki jekk hija diġà jkollha indizji, jew saħansitra provi, dwar l-eżistenza ta' ksur, hija tista' leġittimament tqis li huwa neċessarju li tordna investigazzjonijiet addizzjonali sabiex tkun tista' tiddetermina aħjar il-ksur jew it-tul tiegħu (ara s-sentenza tal-25 ta' Novembru 2014, Orange vs Il-Kummissjoni, T-402/13, EU:T:2014:991, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

159 F'dan il-każ, l-argumenti tar-rikorrenti insostenn tal-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità jistgħu jinqasmu f'żewġ kategoriji, skont jekk dawn jikkritikawx in-natura neċessarja tad-Deċiżjoni kkontestata, li timplika l-assenza ta' għażla oħra inqas oneruża, jew jekk dawn humiex jikkritikaw il-konsegwenzi eċċessivi ta' deċiżjoni li tordna spezzjoni fuq il-funzjonament tagħha u l-prestazzjonijiet tagħha, li, konsegwentement, juri li kien ikun aħjar li tintuża miżura inqas oneruża.

a) Fuq l-ilmenti bbażati fuq l-assenza ta' neċessità tad-Deċiżjoni kkontestata

160 Ir-rikorrenti ssostni, minn naħa, li r-riskju ta' ħabi jew ta' qerda tal-provi invokat fid-Deċiżjoni kkontestata ma kienx jeżisti peress li l-informazzjoni mfittxija kienet diġà magħrufa mill-Kummissjoni jew setgħet faċilment tkun magħrufa u, min-naħa l-oħra, li kienet teżisti għażla inqas oneruża mill-adozzjoni ta' tali deċiżjoni, jiġifieri, f'dan il-każ, talba għal informazzjoni mressqa skont l-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003, li tissanzjona l-assenza ta' tweġiba jew tweġiba inkompleta permezz ta' multa li tista' tammonta għal 1 % tad-dħul mill-bejgħ totali mwettaq matul is-sena finanzjarja preċedenti, li jagħti effettività kbira lil din id-dispożizzjoni użata f'kawżi oħra tal-istess natura.

161 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

162 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-assenza ta' riskju għall-provi, għandu jitfakkar, kif tenfasizza l-Kummissjoni, li d-Deċiżjoni kkontestata kellha l-intenzjoni li tippermettilha tiġbor l-informazzjoni neċessarja sabiex tivverifika l-eżistenza tal-koordinazzjoni ssuspettata.

163 F'dan ir-rigward, il-fatt li l-Kummissjoni ġabret indizji suffiċjentement serji sabiex tiġġustifika spezzjoni ma jistax ikollu l-effett li jipprekludiha milli tikseb informazzjoni addizzjonali jew milli tivverifika l-informazzjoni li hija jkollha għad-dispożizzjoni tagħha waqt spezzjoni.

164 Bl-istess mod, il-fatt li dawn l-indizji huma essenzjalment ibbażati fuq il-kontenut ta' ċerti dikjarazzjonijiet pubbliċi magħmula mill-manifatturi ta' tajers imsemmija fid-Deċiżjoni kkontestata fl-okkażjoni tal-earnings calls tagħhom ma jistax iċaħħad lill-Kummissjoni mill-possibbiltà li teżamina d-dokumenti rilevanti jew li tinterroga lill-persuni involuti sabiex tikseb l-informazzjoni neċessarja sabiex tikkompleta jew tivverifika s-suspetti tagħha.

165 F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ma tistax tiġi kkritikata li fittxet li tiġbor tali informazzjoni mingħand grupp limitat ta' persuni li, fi ħdan l-impriża kkonċernata, seta' jkollhom provi li jippermettu li jiġu ddefiniti aħjar is-suġġett, il-motivi u l-funzjonament tal-koordinazzjoni ssuspettata. Il-Kummissjoni ġustament tindika f'dan ir-rigward li kien rilevanti għaliha li tikseb l-informazzjoni dwar id-diskussjonijiet interni fir-rigward tal-preparazzjoni u tal-monitoraġġ tal-earnings calls u tal-preparazzjoni tad-deċiżjonijiet tariffarji dwar il-koordinazzjoni tal-prezzijiet bejn manifatturi ta' tajers deskritta f'dik id-deċiżjoni.

166 F'tali sitwazzjoni, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi l-possibbiltà li, fin-nuqqas ta' spezzjoni mhux imħabbra, kien jeżisti riskju li ċerta informazzjoni rilevanti tiġi kompromessa jew meqruda. Barra minn hekk, il-premessa 8 tad-Deċiżjoni kkontestata ssemmi tali riskju għall-provi fir-rigward tal-"informazzjoni dwar is-suspetti ta' koordinazzjoni ta' aġir futur fis-swieq f'dak li jirrigwarda l-prezzijiet (b'mod partikolari tal-prezzijiet bl-ingrossa) tal-prodotti kkonċernati kif ukoll is-suspetti dwar l-għażla tal-manifatturi li jindikaw b'mezzi pubbliċi lill-kompetituri l-politika tariffarja futura" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

167 Għaldaqstant, fid-dawl kemm tal-motivazzjoni tad-Deċiżjoni kkontestata fir-rigward tal-kontenut tal-koordinazzjoni ssuspettata kif ukoll tal-indizji suffiċjentement serji li jikkorroboraw dawn is-suspetti, il-Kummissjoni ma setgħetx teskludi l-eżistenza ta' riskju ta' ħabi jew ta' qerda tal-provi mfittxija u għalhekk kien neċessarju li tirrikorri għal deċiżjoni li tordna spezzjoni sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni dan ir-riskju.

168 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-possibbiltà ta' rikors għal talba għal informazzjoni minflok deċiżjoni li tordna spezzjoni, għandu jiġi kkunsidrat li tali talba ma tkunx tippermetti li jinġabru l-informazzjoni u l-provi kollha neċessarji għall-investigazzjoni.

169 Fil-fatt, f'dan il-każ u kif jirriżulta mid-Deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni kkunsidrat li deċiżjoni li tordna spezzjoni kienet neċessarja sabiex jiġu vverifikati l-fatti kollha relatati mal-koordinazzjoni ssuspettata, il-kuntest li fih din twettqet u l-identità tal-impriżi inkwistjoni, sabiex jiġi evitat li l-informazzjoni rilevanti tiġi kompromessa jew meqruda, li jista' jkun il-każ jekk din tinġabar permezz ta' talba għal informazzjoni jew spezzjoni mħabbra minn qabel, u sabiex tiġi ggarantita l-effettività tal-ispezzjoni billi tippermetti li din titwettaq simultanjament għand l-impriżi kollha ssuspettati mingħajr ma jiġu avżati minn qabel.

170 Barra minn hekk, kif tosserva l-Kummissjoni, teżisti differenza sinjifikattiva bejn l-ammont ta' multa mġarrba minħabba t-twettiq ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE u l-ammont ta' multa mġarrba minħabba nuqqas ta' tweġiba għal talba għal informazzjoni. Minħabba din id-differenza, ma jistax jiġi eskluż li impriża kkonċernata minn talba għal informazzjoni tista' tkun imħajra li ma taġixxix fuqha, anki jekk tiġi ssanzjonata għal din ir-raġuni, jekk dan jista' jippermettilha tevita li tiġi ssanzjonata talli wettqet ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE.

171 L-għażla tal-istrument użat sabiex tinġabar informazzjoni rilevanti għall-investigazzjoni, kemm jekk tkun spezzjoni ordnata permezz ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 20(4) tar-Regolament Nru 1/2003 jew talba għal informazzjoni adottata abbażi tal-Artikolu 18 ta' dan ir-regolament, tiddependi għalhekk minn analiżi mwettqa mill-Kummissjoni fid-dawl tas-sitwazzjoni speċifika tal-investigazzjoni li tkun għaddejja. Is-sempliċi fatt li l-Kummissjoni setgħet tipproċedi permezz ta' talbiet għal informazzjoni f'kawżi oħra, imsemmija mir-rikorrenti, ma jistax f'dan ir-rigward ikun biżżejjed sabiex tiġi kkontestata l-legalità tal-għażla magħmula f'din il-kawża għar-raġunijiet esposti fid-Deċiżjoni kkontestata.

172 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li hemm lok li jiġu miċħuda bħala infondati l-argumenti tar-rikorrenti dwar l-assenza ta' neċessità tad-Deċiżjoni kkontestata minħabba l-assenza ta' riskju għall-provi jew il-possibbiltà li tintuża miżura inqas restrittiva.

b) Fuq l-ilmenti bbażati fuq il-konsegwenzi dannużi tad-Deċiżjoni kkontestata

173 Ir-rikorrenti ssostni li d-Deċiżjoni kkontestata kellha konsegwenzi dannużi, minn naħa, fuq il-funzjonament tajjeb tagħha matul l-iżvolġiment tal-ispezzjoni u, min-naħa l-oħra, fuq il-prestazzjoni ekonomika tagħha wara l-pubbliċità mogħtija lilha. F'dan il-kuntest, fid-dawl tal-konsegwenzi f'dan il-punt eċċessivi tad-Deċiżjoni kkontestata, din ma tistax titqies li hija konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

174 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-rikorrenti.

175 Fl-ewwel lok, fir-rigward tat-tfixkil eċċessiv għall-funzjonament tajjeb ta' impriża li hija ordnata li tissottometti ruħha għal spezzjoni, għandu jiġi kkonstatat li l-argument tar-rikorrenti f'dan ir-rigward huwa fattwalment infondat.

176 Fil-fatt, qabelxejn, għandu jitfakkar li, bħala prinċipju, l-ispezzjonijiet jirriżultaw neċessarji meta l-Kummissjoni jkollha suspetti dwar l-eżistenza ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni previsti mit-Trattat FUE. Tali ndħil mill-awtorità pubblika fid-dritt ta' impriża fir-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha jibqa' għalhekk proporzjonat meta jaqa' fil-limiti ġġustifikati tas-suġġett iddefinit mid-deċiżjoni ta' spezzjoni, li jimplika li l-implimentazzjoni ta' tali deċiżjoni twassal għal inkonvenjenzi neċessarji u inerenti għall-funzjonament tajjeb ta' impriża li r-rikorrenti ma tistax tinjora.

177 Issa, f'dan il-każ, fid-dawl tal-indizji suffiċjentement serji għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, ma hemmx lok li jiġi kkunsidrat li d-Deċiżjoni kkontestata tista', bħala tali, tikkawża ostakolu sproporzjonat għall-funzjonament tajjeb tar-rikorrenti.

178 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-Kummissjoni jidhru, fi kwalunkwe każ, ta' natura li jistabbilixxu li l-inkonvenjenzi kkawżati mill-għażla li tiġi ordnata spezzjoni ma humiex sproporzjonati u intollerabbli meta mqabbla mal-għanijiet imfittxija mill-ispezzjoni inkwistjoni.

179 Huwa mingħajr ma ġiet ikkontradetta mir-rikorrenti li l-Kummissjoni b'hekk sostniet għal kull fini utli li l-ispezzjoni kienet saret b'mod kemm jista' jkun mhux intrużiv. B'mod partikolari, il-Kummissjoni tindika li qabdet biss l-għodda tax-xogħol ta' erba' persuni u li rritornathom fi żmien qasir. Fil-fatt, il-mobiles ta' dawn il-persuni ngħataw fi żmien (u ġeneralment f'inqas minn) 24 siegħa u, sabiex ikunu jistgħu jkomplu xogħolhom billi jużaw in-numri tat-telefon abitwali tagħhom, il-Kummissjoni rritornat ċerti SIM kards qabel ma ngħataw lura l-mobiles. F'dak li jirrigwarda l-laptops maqbuda, waħda mill-erba' persuni rkuprat il-kompjuter tagħha fl-istess jum u l-kompjuters l-oħra ġew irritornati f'terminu ta' 48 siegħa. Peress li d-data kollha kienet maħżuna fuq is-servers tar-rikorrenti, il-fatt li dawn il-persuni kienu ġew imċaħħda mil-laptops tagħhom matul dan il-perijodu qasir ma pprekludihomx milli jaħdmu bl-użu ta' mezzi oħra. Barra minn hekk, għalkemm l-estrazzjoni tad-data maħżuna fuq il-mezzi elettroniċi kienet teħtieġ iktar żmien milli kien normalment il-każ, dan kien minħabba s-sistema ta' sigurtà stabbilita mir-rikorrenti, li rrendiet l-estrazzjoni diffiċli. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrenti ma tistax tallega li l-funzjonament tagħha kien ġie mfixkel minħabba li żewġ impjegati tad-dipartiment tal-informatika tagħha kellhom jgħinu lill-Kummissjoni f'din il-missjoni.

180 Konsegwentement, l-argument tar-rikorrenti dwar l-allegati konsegwenzi dannużi fir-rigward tal-funzjonament tajjeb tagħha għandu jiġi miċħud bħala infondat.

181 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-konsegwenzi dannużi għall-prestazzjonijiet ta' impriża li jirriżultaw mill-pubblikità eċċessiva mogħtija lill-ispezzjoni ordnata mill-Kummissjoni, għandu qabel kollox jiġi indikat li tali argument iktar jikkostitwixxi kwistjoni ta' kumpens għad-dannu mġarrab milli l-kontenzjuż speċifiku għal-legalità ta' att.

182 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li, skont l-argumenti stess tar-rikorrenti, il-pubblikità mogħtija lill-ispezzjoni mill-Kummissjoni tirriżulta minn att distint mid-Deċiżjoni kkontestata. F'dan il-każ, l-istqarrija għall-istampa IP/24/561, intitolata "Il-Kummissjoni twettaq spezzjonijiet mhux imħabbra tal-antitrust fis-settur tat-tajers", ippubblikata fuq is-sit internet tal-Kummissjoni fit-30 ta' Jannar 2024, f'mument li jikkorrispondi għall-bidu tal-ispezzjoni mwettqa għand ir-rikorrenti (iktar 'il quddiem l-"istqarrija għall-istampa").

183 Issa, minn naħa, l-istqarrija għall-istampa ma hijiex ikkontestata bħala tali f'din il-kawża.

184 Min-naħa l-oħra, u fi kwalunkwe każ kif issostni l-Kummissjoni, jista' jiġi osservat li l-pubblikazzjoni ta' stqarrija għall-istampa tikkorrispondi għal prattika standard min-naħa tagħha. Jista' jiġi nnotat ukoll li din ma kinitx tirreferi għar-rikorrenti, iżda kienet issemmi biss is-settur tat-tajers fi ħdan l-Unjoni.

185 F'dan il-każ, l-istqarrija għall-istampa kienet tippreċiża li l-"Kummissjoni [kienet i]mħassba li l-kumpaniji soġġetti għall-ispezzjonijiet ikkoordinaw il-prezzijiet tagħhom, inkluż permezz ta' komunikazzjonijiet pubbliċi".

186 L-istqarrija għall-istampa indikat ukoll li ma kienx hemm lok li minnha tinsilet konklużjoni dwar il-ħtija tal-impriżi kkonċernati, peress li "[l]-ispezzjonijiet għal għarrieda huma pass preliminari fl-investigazzjonijiet dwar prattiki antikompetittivi suspettati" u li l-fatt li jsiru tali spezzjonijiet "ma jfissirx li l-impriżi kkonċernati huma ħatja ta' aġir antikompetittiv u ma jippreġudikax ir-riżultat tal-investigazzjoni nnifisha".

187 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-effetti deskritti mir-rikorrenti ma jistgħux jiġu invokati b'mod utli sabiex tiġi stabbilita n-natura sproporzjonata tad-Deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża.

188 Konsegwentement, l-argument tar-rikorrenti dwar il-konsegwenzi dannużi allegati fir-rigward tal-prestazzjoni tagħha wara l-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni tal-istqarrija għall-istampa għandu jiġi miċħud bħala ineffettiv.

189 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li r-rikorrenti ma stabbilixxietx kif id-deċiżjoni ta' spezzjoni kienet sproporzjonata. Għaldaqstant, it-tieni parti tat-tieni motiv għandha tiġi miċħuda.

5. Konklużjoni

190 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, fl-assenza ta' indizji suffiċjentement serji li jippermettu li jiġu ssostanzjati s-suspetti msemmija fit-tieni sentenza tal-premessa 4, id-Deċiżjoni kkontestata għandha tiġi parzjalment annullata f'dan ir-rigward minħabba n-natura arbitrarja tagħha u l-ksur tad-dritt tar-rikorrenti għar-rispett tad-domiċilju tagħha u tal-komunikazzjonijiet tagħha.

191 Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.

IV. Fuq l-ispejjeż

192 Skont l-Artikolu 134(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, jekk il-partijiet jitilfu l-kawża rispettivament fuq waħda jew iktar mit-talbiet tagħhom, kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha. Madankollu, jekk fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża dan ikun jidher iġġustifikat, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li waħda mill-partijiet għandha tbati, minbarra l-ispejjeż rispettivi tagħha, parti mill-ispejjeż tal-parti l-oħra.

193 F'dan il-każ, sa fejn id-Deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata parzjalment, il-Qorti Ġenerali tqis li hemm lok li jiġi deċiż li kull parti għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn ir-raġunijiet,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2024) 243 final tal-10 ta' Jannar 2024, li tordna lil Compagnie générale des établissements Michelin, kif ukoll lill-kumpanniji kollha direttament jew indirettament ikkontrollati minnha, li jissottomettu ruħhom għal spezzjoni konformement mal-Artikolu 20(4) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 (Każ AT.40863 – Hoops), hija annullata sa fejn din tikkonċerna l-perijodu msemmi fit-tieni sentenza tal-premessa 4.**

2) **Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.**

3) **Compagnie générale des établissements Michelin u l-Kummissjoni Ewropea għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.**

Marcoulli Tomljenović Spangsberg Grønfeldt

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fid-9 ta' Lulju 2025.

Firem

Werrej

I. Il-fatti li wasslu għall-kawża . . . 2

II. It-talbiet tal-partijiet . . . 4

III. Id-dritt . . . 4

A. Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq insuffiċjenza ta' motivazzjoni . . . 5

1. Osservazzjonijiet preliminari . . . 5

2. Fuq l-ilment ibbażat fuq motivazzjoni qasira jew ġenerika . . . 7

3. Fuq l-ilment ibbażat fuq motivazzjoni vaga, ambigwa, impreċiża jew estensiva u l-konsegwenzi tagħha fuq il-komprensjoni ta' dak li qiegħed jiġi kkritikat . . . 7

B. Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għar-rispett tad-domiċilju u tal-komunikazzjonijiet tar-rikorrenti . . . 10

1. Osservazzjonijiet preliminari . . . 10

2. Fuq ix-xebh bejn eżempju msemmi fil-Linji Gwida tal-2023 u l-koordinazzjoni ssuspettata . . . 11

3. Fuq l-ewwel parti, ibbażata fuq in-natura arbitrarja tad-Deċiżjoni kkontestata . . . 13

a) Fuq l-assenza ta' neċessità li tiġi kkomunikata l-informazzjoni kollha li l-Kummissjoni kellha fid-Deċiżjoni kkontestata . . . 14

b) Fuq in-natura suffiċjentement serja tal-indizji ppreżentati mill-Kummissjoni sabiex tiġġustifika d-Deċiżjoni kkontestata . . . 15

1) Osservazzjonijiet preliminari . . . 15

2) Fuq il-metodu segwit sabiex jiġu identifikati d-dikjarazzjonijiet suspettużi . . . 17

3) Fuq in-natura suffiċjentement serja tal-indizji kkomunikati . . . 19

i) Fuq l-eżistenza ta' indizji suffiċjentement serji sabiex isostnu s-suspetti dwar koordinazzjoni tal-prezzijiet matul il-perijodu prinċipali . . . 19

– Fuq id-dikjarazzjonijiet ippreżentati mill-Kummissjoni . . . 20

– Fuq l-elementi l-oħra ppreżentati mill-Kummissjoni . . . 21

– Fuq l-osservazzjonijiet ippreżentati mir-rikorrenti . . . 21

ii) Fuq l-assenza ta' indizji suffiċjentement serji sabiex isostnu s-suspetti dwar koordinazzjoni tal-prezzijiet matul il-perijodu preċedenti . . . 25

4. Fuq it-tieni parti, ibbażata fuq in-natura sproporzjonata tad-Deċiżjoni kkontestata . . . 27

a) Fuq l-ilmenti bbażati fuq l-assenza ta' neċessità tad-Deċiżjoni kkontestata 28

b) Fuq l-ilmenti bbażati fuq il-konsegwenzi dannużi tad-Deċiżjoni kkontestata 30

5. Konklużjoni 31

IV. Fuq l-ispejjeż 32

[i] Fil-punt 6 ta' dan it-test saret modifika ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għall-ewwel darba.